ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 195

Edizzjoni bil-Malti **Leġiżlazzjoni**

**Volum 54**

**27 ta' Lulju 2011**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2011/464/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2011 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand** ..... 1

2011/465/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2011 li temenda l-miżuri xierqa stabbiliti mid-Deċiżjoni 2009/618/KE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou u li tħassarha** ..... 2

2011/466/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2011 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada** ..... 5

2011/467/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2011 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-Svizzera stabbilit mill-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness III (Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali) tiegħu** ..... 7

**Prezz: EUR 4**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 729/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tat-tusk fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 24

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 730/2011 tal-20 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd taċ-ċinturin iswed fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 26

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 731/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Prosciutto Amatriciano (IĠP)]** ..... 28

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 732/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Göttinger Feldkieker (IĠP)]** ..... 30

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 733/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kołocz śląski/kołacz śląski (IĠP)]** ..... 32

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 734/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Αρνάκι Ελασσόνας (Arnaki Elassonas) (DPO)]** ..... 34

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 735/2011 tat-22 ta' Lulju 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Göttinger Stracke (IĠP)]** ..... 36

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 736/2011 tas-26 ta' Lulju 2011 li japprova s-sustanza attiva flurossipir, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011** (1) ..... 37

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2011 tas-26 ta' Lulju 2011 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista tat-taqsimiet** ..... 42

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 738/2011 tas-26 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 44

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### tat-18 ta' Lulju 2011

### dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand

(2011/464/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand [1] ("il-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku") daħal fis-seħħ fl- 1 ta' Jannar 1999 [2].

(2) Fit- 8 ta' Lulju 2002 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' New Zealand bil-għan li jiġi emendat il-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku. In-negozjati kienu konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") fi Brussell fid- 29 ta' Ġunju 2009.

(3) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl- 1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwixxiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar għarfien reċiproku b'relazzjoni mal-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim [3].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

---

(1) ĠU L 229, 17.8.1998, p. 62 (Ħarġa Speċjali bil-Malti, Kapoitolu 11, Volum 29, p. 158).

(2) ĠU L 5, 9.1.1999, p. 74.

(3) It-test tal-Ftehim se jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**tat-18 ta’ Lulju 2011**

**li temenda l-miżuri xierqa stabbiliti mid-Deċiżjoni 2009/618/KE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta’ konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta’ Cotonou u li tħassarha**

(2011/465/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija bejn l-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ffirmat f’Cotonou fit-23 ta’ Ġunju 2000 ([1]) u rrevedut f’Ouagadougou fit-22 ta’ Ġunju 2010 ([2]) (minn issa “il-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqa’ fi ħdan il-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE ([3]), u b’mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Bi qbil mar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà,

Billi:

(1) Ir-Repubblika tal-Ginea għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-impenji deskritti fl-ittra li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/618/KE tas-27 ta’ Lulju 2009 ([4]) dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta’ konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta’ Cotonou, it-twettiq ta’ liema impenji hija kundizzjoni għat-tneħħija tal-miżuri korrispondenti.

(2) Ir-Repubblika tal-Ginea rreġistrat progress fil-proċess ta’ tranżizzjoni lejn ir-ritorn għall-ordni kostituzzjonali u l-istabbiliment ta’ reġim demokratiku, b’mod partikolari bis-saħħa tal-ħatra ta’ president permezz ta’ elezzjonijiet presidenzjali liberi u trasparenti, u n-nomina ta’ gvern ċivili.

(3) L-organizzazzjoni ta’ elezzjonijiet presidenzjali u l-ħatra ta’ president ġdid jikkostitwixxu twettiq parzjali tal-aħħar stadju definit fl-anness għall-ittra mehmuża mad-Deċiżjoni 2009/618/KE.

(4) Ir-raba’ u l-aħħar stadju li jimmarka t-tmiem tat-tranżizzjoni mhux ser jintlaħaq sas-27 ta’ Lulju 2011, id-data ta’ skadenza tad-Deċiżjoni 2009/618/KE.

(5) Għaldaqstant, għandhom jiġu aġġornati, fid-dawl tal-progress irreġistrat fir-ritorn għall-ordni kostituzzjonali, il-miżuri xierqa biex jittieħed f’kunsiderazzjoni l-progress miksub, billi tiġi mħassra d-Deċiżjoni 2009/618/KE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri xierqa previsti skont il-punt (c) tal-Artikolu 96(2) tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE huma ppreċiżati fl-ittra li tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2009/618/KE hija mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi adottata.

Hija tiskadi fid-19 ta’ Lulju 2012.

Hija għandha tiġi eżaminata mill-ġdid wara perjodu indikattiv ta’ 6 xhur jekk ikun il-każ abbażi tal-konklużjonijiet ta’ missjoni fuq il-post tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta’ Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.
([3]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.
([4]) ĠU L 214, 19.8.2009, p. 34.

*ANNESS*

**ABBOZZ TA' ITTRA**

Sur President,

Sur Prim Ministru,

L-Unjoni Ewropea tilqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub mir-Repubblika tal-Ginea fir-ritorn lejn l-ordni kostituzzjonali, b'mod partikolari wara l-konklużjoni paċifika tal-elezzjoni presidenzjali fl-2010 u l-ħatra ta' President leġittimu u ta' gvern ċivili. L-elezzjoni presidenzjali li għadha kif tintemm tikkostitwixxi l-ewwel proċess elettorali verament miftuħ u kompetittiv sa mill-indipendenza tal-Ginea, u timmarka stadju kruċjali fir-ritorn lejn il-leġittimità demokratika.

Issa qegħdin tiffaċċjaw l-isfida enormi biex tpoġġu lil pajjiżkom fit-triq tal-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku, u qed twettqu din ir-responsabbiltà bl-adozzjoni ta' programm ta' riformi ambizzjużi. Konxju mid-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali li qiegħda taffaċċja r-Repubblika tal-Ginea, u sabiex jappoġġjakom f'din il-fażi aħħarija iżda importanti ta' tranżizzjoni politika, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jirrevedi l-kundizzjonijiet marbuta mal-aħħar stadju tal-issuktar tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea, b'mod partikolari l-iffirmar tad-Dokument dwar l-Istrateġija tal-Pajjiż u tal-Programm Nazzjonali Indikattiv (DSP/PIN) għall-10 Fond Ewropew tal-Iżvilupp (FEI) li se jkopri l-kooperazzjoni mar-Repubblika tal-Ginea sal-2013.

Skont din id-Deċiżjoni, l-Unjoni Ewropea se tkun tista' tiffirma d-DSP/PIN mar-Repubblika tal-Ginea ladarba daawn jiġu ffinalizzati u wara li l-awtoritajiet tal-Ginea jibagħtu komunikazzjoni formali lill-Unjoni Ewropea li tippreżenta kalendarju dettaljat, imfassal u adottat mill-awtoritajiet kompetenti, li jispeċifika d-dati u l-istadji għaż-żamma tal-elezzjonijiet leġiżlattivi qabel tmiem l-2011.

Wara l-iffirmar tad-DSP/PIN, il-fondi ta' appoġġ dirett għall-popolazzjonijiet, destinati għas-servizzi soċjali bażiċi, jistgħu jiġu rilaxxati. Il-gwida teknika tal-proġetti u l-programmi l-oħra previsti f'dawn id-dokumenti, kif ukoll operazzjonijiet eventwali ġodda tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) ([1]), tkun tista' tkompli wkoll, iżda r-rilaxx tal-fondi mhux se tkun possibbli ħlief wara li jinżammu l-elezzjonijiet leġiżlattivi liberi u trasparenti.

L-Unjoni Ewropea tikkunsidra li għalkemm l-elezzjonijet presidenzjali huma fundamentali għat-tranżizzjoni demokratika, l-elezzjonijiet leġiżlattivi u l-istabbiliment ta' Assemblea ġdida eletta b'mod demokratiku jibqgħu deċiżivi biex titwettaq it-tranżizzjoni u jkun stabbilit qafas demokratiku sħiħ. L-Unjoni Ewropea għadha kunfidenti fil-fatt li l-elezzjonijiet leġiżlattivi se jseħħu mhux aktar tard mill-aħħar trimestru tas-sena 2011, kif iddikjarat mill-awtoritajiet tal-Ginea, u għadha disponibbli biex tappoġġja finanzjarjament l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet (għal total indikattiv ta' EUR 5 miljun).

L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tkompli djalogu politiku regolari mal-gvern tal-Ginea fil-qafas tal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, dwar l-elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim previsti fl-Artikolu 9 tiegħu, b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-Istat tad-dritt, kif ukoll ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, it-tmiem tal-impunità u r-riformi fil-qasam tat-tmexxija politika, ġudizzjarja u ekonomika u r-riforma tas-settur tas-sigurtà.

Il-gvern tar-Repubblika tal-Ginea jista' jkompli jiddependi fuq l-appoġġ u l-għajnuna tal-Unjoni Ewropea fil-mixja ambizzjuża ta' ritorn lejn it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-benesseri tal-popolazzjoni tagħha.

Dejjem tagħkom, …

Magħmul fi Brussell, il- …

Għall-Unjoni Ewropea, …

---

([1]) Il-miżura ma tapplikax għall-operazzjonijiet ta' għajnuna ta' tnaqqis tal-piż li diġà inbdew mill-BEI fil-qafas tal-Inizjattiva Pajjiżi Foqra Imdejna Ħafna, u inkluż il-maħfra tal-arretrati fuq is-self tal-FEI ġestit mill-BEI.

*ANNESS*

**SKEDA TAL-IMPENJI**

| Impenji tal-Ginea | Impenji tal-UE |
|---|---|
| 1. Kalendarju dettaljat (data u stadji preliminari/operazzjonijiet preparatorji), imfassal u adottat mill-awtoritajiet kompetenti, għaż-amma tal-elezzjonijiet leġiżlattivi qabel tmiem l-2011. | 1.1. L-iffirmar tal-10 FEI tad-DSP/PIN wara tmiem l-ipprogrammar tiegħu.<br>1.2. Il-gwida teknika tal-proġetti/programmi previsti fl-imsemmi DSP/PIN.<br>1.3. Ir-rilaxx tal-fondi b'appoġġ dirett għall-popolazzjonijiet. |
| 2. Iż-żamma ta' elezzjonijiet leġiżlattivi liberi u trasparenti. | 2.1. Deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti/programmi li jifdal tal-10 FEI. |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Lulju 2011

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada

(2011/466/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 100(2) u l-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u (7) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada ([2]) ("il-Ftehim") skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati.

(2) Il-Ftehim ġie ffirmat fis-6 ta' Mejju 2009 f'isem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/469/KE ([3]).

(3) Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel notifika lill-Kanada fir-rigward tas-suċċessjoni tal-Komunità Ewropea mill-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(5) Jeħtieġ li jiġu stipulati l-arranġamenti proċedurali għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-korpi konġunti stabbiliti bil-Ftehim, kif ukoll għall-adozzjoni ta' ċerti deċiżjonijiet li jirrigwardaw b'mod partikolari l-emendar tal-Ftehim u tal-Annessi tiegħu, iż-żieda ta' annessi ġodda, it-tmiem ta' annessi individwali, il-konsultazzjonijiet u s-soluzzjoni tat-tilwim u l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja.

(6) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-ftehimiet bilaterali tagħhom mal-Kanada dwar l-istess suġġett jintemmu mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar is-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim ([4]) huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tagħmel in-notifika li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 16(1) tal-Ftehim u li tagħmel/jagħmlu n-notifika li ġejja:

"B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea issostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, ir-referenzi għall-'Komunità Ewropea' fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn xieraq, jinqraw bħala l-'Unjoni Ewropea.'."

*Artikolu 3*

1. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Konġunt tal-Partijiet stabbilit bl-Artikolu 9 tal-Ftehim mill-Kummissjoni Ewropea megħjuna mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u akkumpanjata mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni bħala rappreżentanti tal-Istati Membri.

2. L-Unjoni għandha tkun irrappreżentata fil-Kumitat Settorjali Konġunt dwar iċ-Ċertifikazzjoni previst fil-paragrafu 2 tal-Anness A tal-Ftehim u fil-Kumitat Settorjali Konġunt dwar il-Manutenzjoni previst fil-paragrafu 4 tal-Anness B tal-Ftehim mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni megħjuna mill-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni kkonċernati direttament mill-aġenda ta' kull laqgħa.

([1]) Kunsens tat-23 ta' Ġunju 2011.
([2]) ĠU L 153, 17.6.2009, p. 11.
([3]) ĠU L 153, 17.6.2009, p. 10.
([4]) It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 153, 17.6.2009, p. 11 flimkien mad-deċiżjoni dwar il-firma.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, għandha tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tal-Partijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:

— L-adozzjoni jew l-emendar tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt tal-Partijiet previst fl-Artikolu 9(3) tal-Ftehim.

2. Wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali msemmi fil-paragrafu 1 u b'konsiderazzjoni sħiħa tal-opinjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tieħu l-azzjonijiet li ġejjin:

— Tadotta miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim;

— Titlob li jsiru konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim;

— Tieħu miżuri għas-sospensjoni skont l-Artikolu 10 tal-Ftehim;

— Bil-kondizzjoni li l-Kummissjoni tkun ippreżentat analiżi dettaljata u fattwali tal-effetti u l-fattibbiltà tal-modifiki maħsuba, temenda l-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 16(5) tal-Ftehim safejn dawn l-emendi jkunu konsistenti ma', u ma jinvolvux xi modifika ta', l-atti legali rilevanti tal-Unjoni;

— Tneħħi Annessi individwali f'konformità mal-Artikolu 16(3) u (5) tal-Ftehim;

— Kwalunkwe azzjoni oħra li trid tittieħed minn Parti kif previst fil-Ftehim, soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-liġi tal-UE.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni u skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, fir-rigward ta' kwalunkwe emenda oħra għall-Ftehim li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SAWICKI

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta’ Lulju 2011

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-Svizzera stabbilit mill-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness III (Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali) tiegħu

(2011/467/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 218(9) flimkien mal-Artikoli 46, 53 u 62 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fil-21 ta’ Ġunju 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ġunju 2002.

(2) L-Artikolu 14 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt. Skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim, emendi għal, inter alia, l-Anness III (Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali) tiegħu jridu jiġu adottati b’deċiżjoni ta’ dak il-Kumitat Konġunt.

(3) Sabiex tinżamm l-applikazzjoni koerenti u korretta tal-atti legali tal-UE u sabiex jiġu evitati diffikultajiet amministrattivi u possibbilment legali, l-Anness III tal-Ftehim għandu jiġi emendat bil-għan li jintegra l-atti legali l-ġodda tal-UE li attwalment il-Ftehim ma jagħmilx referenza għalihom.

(4) Fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, l-Anness III tal-Ftehim għandu jiġi kkonsolidat u sostitwit b’Anness ġdid.

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt UE-Svizzera għandu għalhekk ikun ibbażat fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-Svizzera stabbilit bl-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Anness III (Rikonoxximent Reċiproku tal-kwalifiki professjonali) tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-Svizzera mehmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-Svizzera għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta’ Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SAWICKI

*ABBOZZ*

## DEĊIŻJONI Nru …/2011 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-SVIZZERA

**stabbilita mill-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni**

**ta' …**

**li jissostitwixxi l-Anness III (Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali) tiegħu**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni [1] ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 18 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll tal-Ftehim fir-rigward tal-parteċipazzjoni, bħala Partijiet Kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija skont l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ġie ffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Anness III (Rikonoxximent reġiproku tal-kwalifiki professjonali) tal-Ftehim, ġie emendat l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2004 tal-Kumitat Konġunt UE-Svizzera [3] u għandu jiġi aġġornat biex iqis l-atti legali l-ġodda tal-Unjoni Ewropea (UE) li ġew adottati mill-2004, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali [4].

(3) L-Anness III tal-Ftehim għandu jiġi adattat biex iqis l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-UE fl-1 ta' Jannar 2007.

(4) Għalhekk, fl-interess taċ-ċarezza u tar-razzjonalità, l-Anness III tal-Ftehim għandu jiġi konsolidat u sostitwit b'Anness ġdid.

(5) F'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 93/16/KEE tal-5 ta' April 1993 biex tiffaċilità l-moviment liberu tat-tobba u r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifiki formali tagħhom [5] u d-Direttiva 2005/36/KE, l-Isvizzera ser tipprovdi għal kwalifika professjonali unika u għal titlu professjonali uniku għat-tobba ġeneralisti, li ser ikunu l-istess għat-tobba ġeneralisti kollha ezistenti u futuri.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva 2005/36/KE bejn il-Partijiet Kontraenti, il-Kummissjoni ser tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Isvizzera u b'mod partikolari ser tkompli tipprovdi konsultazzjoni xierqa mal-esperti Svizzeri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness III (Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifki professjonali) tal-Ftehim għandu jiġi sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-Isvizzera għandha tapplika mingħajr restrizzjonijiet id-drittijiet akkwistati previsti mid-Direttiva 2005/36/KE soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni u fl-Anness.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija mfassla bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża, Taljana u Ungeriża, bit-testi f'kull waħda minn dawn il-lingwi jkunu ugwalment awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data tan-notifika tat-tlestija mill-Konfederazzjoni Svizzera tal-proċeduri interni tagħha għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Din għandha tiġi applikata fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara l-adozzjoni tagħha, bl-eċċezzjoni tat-Titolu II tad-Direttiva 2005/36/KE, li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.
[2] ĠU L 124, 20.5.2009, p. 53.
[3] ĠU L 352, 27.11.2004, p. 129.
[4] ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.
[5] ĠU L 165, 7.7.1993, p. 1.

F'każ li n-notifika msemmija fl-ewwel paragrafu ma tkunx saret fi żmien 24 xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, din id-Deċiżjoni għandha tiġi preskritta.

Magħmul fi Brussell, ….

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President* *Is-Segretarji*

*ANNESS*

*"ANNESS III*

**RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI**

**(Diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki formali)**

1. Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li japplikaw bejniethom, fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, l-atti legali u l-komunikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) imsemmija fit-Taqsima A ta' dan l-Anness, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

2. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, it-terminu 'Stat Membru/Stati Membri' fl-atti msemmija fit-Taqsima A ta' dan l-Anness huwa kkunsidrat li japplika għall-Isvizzera flimkien mal-Istati li huma koperti mill-atti legali tal-UE inkwistjoni.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan l-Anness, il-Partijiet Kontraenti jieħdu nota tal-atti legali tal-UE msemmija fit-Taqsima B ta' dan l-Anness.

TAQSIMA A: ATTI MSEMMIJA

1a. **32005 L 0036**: id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22),

kif emendata bi:

— id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141),

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1430/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 li jemenda l-Annessi II u III tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 320, 6.12.2007, p. 3),

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 755/2008 tal-31 ta' Lulju 2008 li jemenda l-Anness II tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 10),

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 279/2009 tas-6 ta' April 2009 li jemenda l-AnnessII tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 93, 7.4.2009, p. 11),

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 213/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jemenda l-Annessi II u V għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 59, 4.3.2011, p. 4),

— in-Notifika tat-Titoli ta' Kwalifika fl-Arkitettura (ĠU C 332, 30.12.2006, p. 35),

— in-Notifika tat-Titoli ta' Kwalifika fl-Arkitettura (ĠU C 148, 24.6.2006, p. 34),

— in-Notifika tat-Titoli ta' Kwalifika fl-Arkitettura (ĠU C 3, 6.1.2006, p. 12),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-kwalifiki tal-ispeċjalisti tas-snien (ĠU C 165, 19.7.2007, p. 18),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-kwalifiki formali tat-tobba speċjalizzati u tat-tobba tal-familja (ĠU C 165, 19.7.2007, p. 13),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-provi ta' kwalifiki formali tat-tobba speċjalizzati, l-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, l-ispeċjalisti tas-snien, il-qwiebel u l-periti (ĠU C 137, 4.6.2008, p. 8),

— il-Komunikazzjoni — Notifika ta' provi ta' kwalifiki formali – id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (l-Anness V) (ĠU C 322, 17.12.2008, p. 3),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Notifika dwar l-assoċjazzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet professjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU C 111, 15.5.2009, p. 1),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-evidenza tal-kwalifiki formali – id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (l-Anness V) (ĠU C 114, 19.5.2009, p. 1),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-evidenza tal-kwalifiki formali – id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (l-Anness V) (ĠU C 279, 19.11.2009, p. 1),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-prova tal-kwalifiki formali – id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (l-Anness V) (ĠU C 129, 19.5.2010, p. 3),

— il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Notifika tal-prova tal-kwalifiki formali – id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (l-Anness V))ĠU C 337, 14.12.2010, p. 10),

— ir-Rettifika għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 271, 16.10.2007, p. 18),

— ir-Rettifika għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 93, 4.4.2008, p. 28).

b. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 2005/36/KE għandha tiġi adattata kif ġej:

1. Il-proċeduri stipulati fl-Artikoli li ġejjin tad-Direttiva ma għandhomx japplikaw bejn il-Partijiet Kontraenti:

— it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(2) – proċedura għall-aġġornament tal-Anness I tad-Direttiva,

— l-aħħar sentenza tal-Artikolu 11(c)(ii) – proċedura għall-aġġornament tal-AnnessII tad-Direttiva,

— it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(2) – proċedura għall-aġġornament tal-Anness III tad-Direttiva,

— it-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 14(2) – proċedura fil-każ ta' deroga għall-għażla tal-migrant bejn perjodu ta' adattament u eżami ta' abbiltà,

— il-paragrafu 2 u 5 tal-Artikolu 15– proċedura biex jiġu adottati jew irrevokati l-pjattaformi komuni,

— l-Artikolu 20 – proċedura biex jiġi emendat l-Anness IV tad-Direttiva,

— it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(6) – proċedura biex jiġu aġġornati l-għarfien u l-ħiliet,

— l-Artikolu 21(7) – proċedura biex jiġi aġġornat l-Anness V tad-Direttiva,

— l-Artikolu 25(5) – proċedura biex jiġu aġġornati l-perijodi minimi ta' taħriġ għat-tobba speċjalizzati,

— it-tieni paragrafu tal-Artikolu 26 – proċedura biex jiġu inseriti speċjalitajiet mediċi ġodda,

— it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(2) – proċedura biex jiġi aġġornat it-taħriġ tal-infermieri responsabbli mill-kura ġenerali,

— it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) – proċedura biex jiġi aġġornat it-taħriġ tad-dentisti,

— it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 35(2) – proċedura biex jiġu aġġornati l-perijodi minimi ta' taħriġ għad-dentisti speċjalizzati,

— it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 38(1) – proċedura biex jiġi aġġornat it-taħriġ tal-kirurgi veterinarji,

— it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 40(1) – proċedura biex jiġi aġġornat it-taħriġ tal-qwiebel,

— it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 44(2) – proċedura biex jiġi aġġornat it-taħriġ tal-ispiżjara,

— l-Artikolu 46(2) – proċedura għall-aġġornament tal-għarfien u l-ħiliet fil-każ tal-periti,

— l-Artikolu 61 – klawżola ta' deroga.

2. L-Artikolu 56(3) u (4) għandhom jiġu implimentati kif ġej:

   Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri dwar l-awtoritajiet kompetenti u dwar il-koordinatur innominati mill-Isvizzera, ladarba l-Isvizzera tkun informat lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt.

3. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 57 għandu jiġi implimentat kif ġej:

   Il-koordinatur innominat mill-Isvizzera jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt.

4. L-Artikolu 63 ma għandux japplika. Madankollu, il-koordinatur Svizzeru nnominat mill-Isvizzera f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2005/36/KE jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt dwar il-leġislazzjoni adottata abbażi tal-atti legali u l-komunikazzjonijiet imsemmija fil-punt 1a. L-Artikoli 58 u 64 ma għandhomx japplikaw.

c. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 1 tal-Anness II tad-Direttiva:

'fl-Isvizzera:

— Opticien diplômé, diplomierter Augenoptiker, ottico diplomato (Ottometrist b'Diploma Federali ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Vokazzjonali Superjuri)

  Jeħtieġ minimu ta' 17-il sena ta' edukazzjoni, li jinkludu mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali pprovduti parti fil-post tax-xogħol u parti minn istituzzjoni professjonali, segwiti minn erba' snin ta' apprentistat jew ta' sekondament f'ambitu professjonali, li sentejn minnhom jistgħu jsiru billi wieħed isegwi edukazzjoni privata full-time, u fl-aħħar jagħmel eżami vokazzjonali superjuri. B'hekk, id-detentur ta' din id-diploma jkun awtorizzat li jadatta l-lentijiet tal-kuntatt jew li jagħmel eżamijiet tal-għajnejn kemm għal rasu kif ukoll bħala impjegat.

— Audioprothésiste avec brevet fédéral, Hörgeräte-Akustiker mit eidg. Fachausweis, audioprotesista con attestato professionale federale (Bejjiegħ ta' apparat akustiku - hearing aids - b'Ċertifikat Federali Avvanzat ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Vokazzjonali Superjuri)

  Jeħtieġ minimu ta' 15-il sena ta' edukazzjoni, li jinkludu mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, minimu ta' tliet snin ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali pprovduti parti fil-post tax-xogħol u parti minn istituzzjoni professjonali, segwiti minn tliet snin ta' apprentistat jew ta' sekondament f'ambitu professjonali, li jinkludu edukazzjoni privata, u fl-aħħar eżami vokazzjonali. B'hekk, id-detentur ta' dan iċ-ċertifikat ikun awtorizzat li jkompli fuq din il-professjoni kemm għal rasu kif ukoll bħala impjegat.

— Bottier-orthopédiste diplômé, calzolaio ortopedico diplomato (Skarpan tal-istivali ortopediċi b'Diploma Federali ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Vokazzjonali Superjuri)

  Jeħtieġ minimu ta' 17-il sena ta' edukazzjoni, li jinkludu mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali pprovduti parti fil-post tax-xogħol u parti minn istituzzjoni professjonali, segwiti minn erba' snin ta' apprentistat jew ta' sekondament f'ambitu professjonali, li jinkludu edukazzjoni privata, u fl-aħħar eżami vokazzjonali superjuri. B'hekk, id-detentur ta' din id-diploma jkun awtorizzat li jkompli fuq din il-professjoni kemm għal rasu kif ukoll bħala impjegat.

— Technicien dentiste, maître, diplomierter Zahntechnikermeister, odontotecnico, maestro (Tekniku dentali b'Diploma Federali ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Vokazzjonali Superjuri)

  Jeħtieġ minimu ta' 18-il sena ta' edukazzjoni, li jinkludu mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali pprovduti parti fil-post tax-xogħol u parti f'istituzzjoni professjonali, segwiti minn ħames snin ta' apprentistat jew ta' sekondament f'ambitu professjonali, li jinkludu edukazzjoni privata, u fl-aħħar eżami vokazzjonali superjuri. B'hekk, id-detentur ta' din id-diploma jkun awtorizzat li jkompli fuq din il-professjoni kemm għal rasu kif ukoll bħala impjegat.

— Orthopédiste diplômé, ortopedista diplomato (Prostetista b'Ċertifikat Federali Avvanzat ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Superjuri)

  Jeħtieġ minimu ta' 18-il sena ta' edukazzjoni, li jinkludu mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali pprovduti parti fil-post tax-xogħol u parti f'istituzzjoni professjonali, segwiti minn ħames snin ta' apprentistat jew ta' sekondament f'ambitu professjonali, li jinkludu edukazzjoni privata, u fl-aħħar eżami vokazzjonali superjuri. B'hekk, id-detentur ta' dan iċ-ċertifikat ikun awtorizzat li jkompli fuq din il-professjoni kemm għal rasu kif ukoll bħala impjegat.'.

d. It-test li ġej għandu jiżdied mal-punt 4 tal-Anness II tad-Direttiva:

'fl-Isvizzera:

— Guide de montagne avec brevet fédéral, Bergführer mit eidg. Fachausweis, guida alpina con attestato professionale federale (Gwida tal-Muntanji b'Ċertifikat Federali Avvanzat ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Vokazzjonali Superjuri)

Jeħtieġ minimu ta' 13-il sena ta' edukazzjoni, li jikkonsistu f'mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' taħriġ vokazzjonali taħt is-superviżjoni ta' professjonista kkwalifikat, li jinkludu edukazzjoni privata, u fl-aħħar nett eżami vokazzjonali. B'hekk, id-detentur taċ-ċertifikat ikun awtorizzat li jkompli fuq din il-professjoni għal rasu.

— Professeur de sports de neige avec brevet fédéral, Schneesportlehrer mit eidg. Fachausweis, Maestro di sport sulla neve con attestato professionale fédérale (Għalliem tal-Isport tas-Silġ b'Ċertifikat Federali Avvanzat ta' Edukazzjoni u ta' Taħriġ Vokazzjoni Superjuri)

Jeħtieġ minimu ta' 15-il sena ta' edukazzjoni, li jinkludu mill-inqas disa' snin ta' edukazzjoni bażika, erba' snin ta' edukazzjoni u ta' taħriġ vokazzjonali pprovduti parti fil-post tax-xogħol u parti f'istituzzjoni professjonali jew erba' snin ta' esperjenza professjonali, segwiti minn tagħlim u esperjenza miksuba permezz ta' apprentistat ta' sentejn, u fl-aħħar eżami vokazzjonali. B'hekk, id-detentur taċ-ċertifikat ikun awtorizzat li jkompli fuq din il-professjoni għal rasu.'.

e. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Svizzera | Eidgenössisches Arztdiplom<br>Diplôme fédéral de médecin<br>Diploma federale di medico | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

f. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.1.2 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|
| Svizzera | Diplom als Facharzt<br>Diplôme de médecin spécialiste<br>Diploma di medico specialista | Eidgenössisches Departement des Innern und Verbindung der Schweizer Ärztinnen und Ärzte<br>Département fédéral de l'intérieur et Fédération des médecins suisses<br>Dipartimento federale dell'interno e Federazione dei medici svizzeri | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

g. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.1.3 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Anestesija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Anästhesiologie<br>Anesthésiologie<br>Anestesiologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Kirurġija ġenerali**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Chirurgie<br>Chirurgie<br>Chirurgia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Kirurġija newroloġika**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Neurochirurgie<br>Neurochirurgie<br>Neurochirurgia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Ostetrija u Ġinekoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Gynäkologie und Geburtshilfe<br>Gynécologie et obstétrique<br>Ginecologia e ostetricia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mediċina (interna) ġenerali**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Innere Medizin<br>Médecine interne<br>Medicina interna |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Oftalmoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Ophthalmologie<br>Ophtalmologie<br>Oftalmologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Otorinolaringoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Oto-Rhino-Laryngologie<br>Oto-rhino-laryngologie<br>Otorinolaringoiatria |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Pedjatrija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Kinder- und Jugendmedizin<br>Pédiatrie<br>Pediatria |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mediċina Respiratorja**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Pneumologie<br>Pneumologie<br>Pneumologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Uroloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Urologie<br>Urologie<br>Urologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Ortopedija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Orthopädische Chirurgie und Traumatologie des Bewegungsapparates<br>Chirurgie orthopédique et traumatologie de l'appareil locomoteur<br>Chirurgia ortopedica e traumatologia del sistema motorio |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Anatomija patoloġika**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Pathologie<br>Pathologie<br>Patologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Newroloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Neurologie<br>Neurologie<br>Neurologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Psikjatrija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Psychiatrie und Psychotherapie<br>Psychiatrie et psychothérapie<br>Psichiatria e psicoterapia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Radjoloġija djanjostika**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Radiologie<br>Radiologie<br>Radiologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Radjoterapija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Radio-Onkologie/Strahlentherapie<br>Radio-oncologie/radiothérapie<br>Radio-oncologia/radioterapia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Kirurġija plastika**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Plastische, Rekonstruktive und Ästhetische Chirurgie<br>Chirurgie plastique, reconstructive et esthétique<br>Chirurgia plastica, ricostruttiva ed estetica |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Kirurġija toraċika**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Herz- und thorakale Gefässchirurgie<br>Chirurgie cardiaque et vasculaire thoracique<br>Chirurgia del cuore e dei vasi toracici |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Kirurġija pedjatrika**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin** | |
| Svizzera | Kinderchirurgie<br>Chirurgie pédiatrique<br>Chirurgia pediatrica |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Kardjoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Kardiologie<br>Cardiologie<br>Cardiologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Gastroenteroloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Gastroenterologie<br>Gastroentérologie<br>Gastroenterologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Rewmatoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Rheumatologie<br>Rhumatologie<br>Reumatologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Ematoloġija ġenerali**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Hämatologie<br>Hématologie<br>Ematologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Endokrinoloġija<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Endokrinologie-Diabetologie<br>Endocrinologie-diabétologie<br>Endocrinologia-diabetologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Fiżjoterapija<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Physikalische Medizin und Rehabilitation<br>Médecine physique et réadaptation<br>Medicina fisica e riabilitazione |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Dermatovenereoloġija<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Dermatologie und Venerologie<br>Dermatologie et vénéréologie<br>Dermatologia e venerologia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mediċina tropikali<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Tropen- und Reisemedizin<br>Médecine tropicale et médecine des voyages<br>Medicina tropicale e medicina di viaggio |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Psikjatrija tat-tfal<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Kinder - und Jugendpsychiatrie und –psychotherapie<br>Psychiatrie et psychothérapie d'enfants et d'adolescents<br>Psichiatria e psicoterapia infantile e dell'adolescenza |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mard renali<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Nephrologie<br>Néphrologie<br>Nefralogia |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mard li jittieħed<br>Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Infektiologie<br>Infectiologie<br>Malattie infettive |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mediċina komunitarja**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Prävention und Gesundheitswesen<br>Prévention et santé publique<br>Prevenzione e salute pubblica |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Farmakoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Klinische Pharmakologie und Toxikologie<br>Pharmacologie et toxicologie cliniques<br>Farmacologia e tossicologia cliniche |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mediċina okkupazzjonali**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Arbeitsmedizin<br>Médecine du travail<br>Medicina del lavoro |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Allergoloġija**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin** | |
| Svizzera | Allergologie und klinische Immunologie<br>Allergologie et immunologie clinique<br>Allergologia e immunologia clinica |

| Pajjiż | Titlu |
|---|---|
| **Mediċina nukleari**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Nuklearmedizin<br>Médecine nucléaire<br>Medicina nucleare |

| Pajjiż | Titlu tad-Diploma |
|---|---|
| **Kirurġija dentali, orali, u tax-xedaq u l-wiċċ**<br>**(taħriġ bażiku mediku u dentali)**<br>**Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin** | |
| Svizzera | Mund-, Kiefer- und Gesichtschirurgie<br>Chirurgie orale et maxillo-faciale<br>Chirurgia oro-maxillo-facciale' |

h. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.1.4 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova tal-kwalifiki formali | Titlu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|
| Svizzera | Diplom als praktischer Arzt/praktische Ärztin<br>Diplôme de médecin praticien<br>Diploma di medico generico | Médecin praticien<br>Praktischer Arzt<br>Medico generico | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

i. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.2.2 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Titlu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Svizzera | 1. Diplomierte Pflegefachfrau, diplomierter Pflegefachmann<br>Infirmière diplômée et infirmier diplômé<br>Infermiera diplomata e infermiere diplomato | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Ecoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Pflegefachfrau, Pflegefachmann<br>Infirmière, infirmier<br>Infermiera, infermiere | fl-1 ta' Ġunju 2002. |
| | 2. Baċċellerat tax-Xjenza fl-infermerija | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Ecoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Pflegefachfrau, Pflegefachmann<br>Infirmière, infirmier<br>Infermiera, infermiere | (*) …' |

(*) ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data - id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt.

j. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.2.2 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova tal-kwalifiki | Titlu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|---|
| Svizzera | Eidgenössisches Zahnarztdiplom<br>Diplôme fédéral de médecin-dentiste<br>Diploma federale di medico-dentista | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | Zahnarzt<br>Médecin-dentiste<br>Medico-dentista | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

k. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.3.3 tal-Anness V tad-Direttiva:

| Ortodonzja | | | |
|---|---|---|---|
| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Data ta' referenza |
| Svizzera | Diplom für Kieferorthopädie<br>Diplôme fédéral d'orthodontiste<br>Diploma di ortodontista | Eidgenössisches Departement des Innern und Schweizerische Zahnärzte-Gesellschaft<br>Département fédéral de l'intérieur et Société Suisse d'Odonto-stomatologie<br>Dipartimento federale dell'interno e Società Svizzera di Odontologia e Stomatologia | fl-1 ta' Ġunju 2002. |

| Kirurġija orali | | | |
|---|---|---|---|
| Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Data ta' referenza |
| Svizzera | Diplom für Oralchirurgie<br>Diplôme fédéral de chirurgie orale<br>Diploma di chirurgia orale | Eidgenössisches Departement des Innern und Schweizerische Zahnärzte-Gesellschaft<br>Département fédéral de l'intérieur et Société Suisse d'Odonto-stomatologie<br>Dipartimento federale dell'interno e Società Svizzera di Odontologia e Stomatologia | fit-30 ta' April 2004.' |

l. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.4.2 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova tal-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Svizzera | Eidgenössisches Tierarztdiplom<br>Diplôme fédéral de vétérinaire<br>Diploma federale di veterinario | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

m. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.5.2 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Titlu professjonali | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Svizzera | Diplomierte Hebamme<br>Sage-femme diplômée<br>Levatrice diplomata | Schulen, die staatlich anerkannte Bildungsgänge durchführen<br>Ecoles qui proposent des filières de formation reconnues par l'État<br>Scuole che propongono dei cicli di formazione riconosciuti dallo Stato | Hebamme<br>Sage-femme<br>Levatrice | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

n. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.6.2 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova tal-kwalifiki | Data ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Svizzera | Eidgenössisches Apothekerdiplom<br>Diplôme fédéral de pharmacien<br>Diploma federale di farmacista | Eidgenössisches Departement des Innern<br>Département fédéral de l'intérieur<br>Dipartimento federale dell'interno | | fl-1 ta' Ġunju 2002.' |

o. It-test li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 5.7.1 tal-Anness V tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Korp li jagħti l-prova tal-kwalifiki | Ċertifikat li jakkumpanja l-prova tal-kwalifiki | Sena akkademika ta' referenza |
|---|---|---|---|---|
| Svizzera | Diploma di architettura (Arch. Dipl. USI) | Accademia di Architettura dell'Università della Svizzera Italiana | | 1996-1997 |
| | Master of Arts BFH/HES-SO en architecture, Master of Arts BFH/HES-SO in Architecture | Haute école spécialisée de Suisse occidentale (HES-SO) together with Berner Fachhochschule (BFH) | — | 2007-2008 |
| | Master of Arts BFH/HES-SO in Architektur, Master of Arts BFH/HES-SO in Architecture | Haute école spécialisée de Suisse occidentale (HES-SO) together with Berner Fachhochschule (BFH) | | 2007-2008 |
| | Master of Arts FHNW in Architektur | Fachhochschule Nordwestschweiz FHNW | — | 2007-2008 |
| | Master of Arts FHZ in Architektur | Fachhochschule Zentralschweiz (FHZ) | — | 2007-2008 |
| | Master of Arts ZFH in Architektur | Zürcher Fachhochschule (ZFH), Zürcher Hochschule für Angewandte Wissenschaften (ZHAW), Departement Architektur, Gestaltung und Bauingenieurwesen | — | 2007-2008 |
| | Master of Science MSc in Architecture, Architecte (arch. dipl. EPF) | Ecole Polytechnique Fédérale de Lausanne | | 2007-2008 |
| | Master of Science ETH in Architektur, MSc ETH Arch | Eidgenössische Technische Hochschule Zurich | | 2007-2008' |

p. It-test li ġej huwa miżjud mal-Anness VI tad-Direttiva:

| 'Pajjiż | Prova ta' kwalifiki formali | Sena akkademika ta' referenza |
|---|---|---|
| Svizzera | 1. Dipl. Arch. ETH, arch. dipl. EPF, arch. dipl. PF | 2004/2005 |
| | 2. Architecte diplômé EAUG | 2004/2005 |
| | 3. Architekt REG A Architecte REG A Architetto REG A | 2004/2005' |

2a. **377 L 0249**: Id-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17),

kif emendata bi:

— 1 79 H: l-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika u l-aġġustamenti tat-Trattati (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 91),

— 1 85 I: l-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u l-aġġustamenti tat-Trattati (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 160),

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 95/1/KE, Euratom, KEFA, tal-1 ta' Jannar 1995 li taġġusta l-istrumenti dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1),

— **1 2003 T**: l-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

— id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141).

b. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 77/249/KEE għandha tiġi adattata kif ġej:

1. It-test li ġej għandu jkun miżjud mal-Artikolu 1(2):

'Svizzera:

Advokat, Rechtsanwalt, Anwalt, Fürsprecher, Fürsprech

Avocat

Avvocato'.

2. L-Artikolu 8 ma għandux japplika. Madankollu, il-koordinatur Svizzeru nnominat mill-Isvizzera f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2005/36/KE jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt, dwar il-leġislazzjoni adottata abbażi tad-Direttiva 77/249/KEE.

3a. **398 L 0005**: id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36),

kif emendata bi:

— 1 2003 T: l-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

— id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-libertà ta' moviment tal-persuni, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141).

b. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 98/5/KE għandha tiġi adattata kif ġej:

1. It-test li ġej għandu jkun miżjud mal-punt (a) tal-Artikolu 1(2):

'Svizzera:

Advokat, Rechtsanwalt, Anwalt, Fürsprecher, Fürsprech

Avocat

Avvocato'.

2. L-Artikoli 16 u 17 ma għandhomx japplikaw. Madankollu, il-koordinatur Svizzeru nnominat mill-Isvizzera f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2005/36/KE jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt, dwar il-leġislazzjoni adottata abbażi tad-Direttiva 98/5/KE.

3. L-Artikolu 14 għandu jiġi implimentat kif ġej:

Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri dwar l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Isvizzera, ladarba l-Isvizzera tkun informat lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt.

4a. **374 L 0556**: id-Direttiva tal-Kunsill 74/556/KE tal-4 ta' Ġunju 1974 li tipprovdi dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw miżuri tranżitorji rigward l-attivitajiet, kummerċ fi prodotti tossiċi u d-distribuzzjoni tagħhom u attivitajiet li jitolbu l-użu professjonali ta' prodotti bħal dawn inklużi attivitajiet ta' intermedjarji (ĠU L 307, 18.11.1974, p. 1).

b. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 74/556/KE għandha tiġi adattata kif ġej:

1. L-Artikolu 4(3) għandu jiġi implimentat kif ġej:

   Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri dwar l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Isvizzera, ladarba l-Isvizzera tkun informat lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt.

2. L-Artikolu 7 ma għandux japplika. Madankollu, il-koordinatur Svizzeru nnominat mill-Isvizzera f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2005/36/KE jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt dwar il-leġislazzjoni adottata abbażi tad-Direttiva 74/556/KE.

5a. **374 L 0557:** id-Direttiva tal-Kunsill 74/557/KEE tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-akkwist tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom u ta' intermedjarji involuti fil-kummerċ u d-distribuzzjoni ta' prodotti tossiċi (ĠU L 307, 18.11.1974, p. 5),

kif emendata bi:

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 95/1/KE, Euratom, KEFA, tal-1 ta' Jannar 1995 li taġġusta l-istrumenti dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1),

— 1 2003 T: l-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti tat-Trattati li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

— id-Direttiva tal-Kunsill 2006/101/KE tal-20 ta' Novembru 2006 li tadatta d-Direttivi 73/239/KEE, 74/557/KEE u 2002/83/KE fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 238).

b. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 74/557/KEE għandha tiġi adattata kif ġej:

1. fl-Isvizzera:

   Il-prodotti u s-sustanzi tossiċi kollha stabbiliti fl-att dwar il-veleni (kumpilazzjoni klassifikata tal-liġi federali (CC 813.1), u b'mod partikolari dawk msemmija fl-ordinanzi li jirrigwardawha (CC 813) u dwar is-sustanzi velenużi għall-ambjent (CC 814 812.31, 814 812.32 u 814 812.33).

2. L-Artikolu 7(5) għandu jiġi implimentat kif ġej:

   Il-Kummissjoni tinforma lill-Istati Membri dwar l-awtoritajiet kompetenti nnominati mill-Isvizzera, ladarba l-Isvizzera tkun informat lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt.

3. L-Artikolu 8 ma għandux japplika. Madankollu, il-koordinatur Svizzeru nnominat mill-Isvizzera f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2005/36/KE jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt dwar il-leġiżlazzjoni adottata abbażi tad-Direttiva 74/557/KEE.

6a. **386 L 0653:** id-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (ĠU L 382, 31.12.1986, p. 17).

b. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-Direttiva 86/653/KEE għandha tiġi adattata kif ġej:

L-Artikolu 22 ma għandux japplika. Madankollu, il-koordinatur Svizzeru nnominat mill-Isvizzera f'konformità mal-Artikolu 56 tad-Direttiva 2005/36/KE jinforma lill-Kummissjoni, b'kopja lill-Kumitat Konġunt dwar il-leġislazzjoni adottata abbażi tad-Direttiva 86/653/KEE.

TAQSIMA B: ATTI LI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu nota tal-kontenut tal-att li ġej:

7. **389 X 0601**: ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 89/601/KEE tat-8 ta' Novembru 1989 rigward it-taħriġ ta' persunal fis-settur tas-saħħa fil-qasam tal-kanċer (ĠU L 346, 27.11.1989, p. 1)."

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 729/2011

### tal-20 ta' Lulju 2011

### li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tat-tusk fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 57/2011 tat-18 ta' Jannar 2011 li jiffissa għall-2011 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-UE u, għal bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE [2], jistabbilixxi l-kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT,

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd tal-2011 għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament u allokata lill-Istat Membru msemmi fih għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat, jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] ĠU L 24, 27.1.2011, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 15/T&Q |
| Stat Membru | Spanja |
| Stokk | USK/567EI. |
| Speċi | Tusk (*Brosme brosme*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII |
| Data | Is-7 ta' April 2011 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 730/2011

## tal-20 ta' Lulju 2011

## li jistabbilixxi projbizzjoni għas-sajd taċ-ċinturin iswed fl-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jiffissa għall-2011 u l-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond ([2]), jistipula l-kwoti għall-2011.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2011.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd tal-2011 għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament u allokata lill-Istat Membru msemmi fih għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi fl-Anness jew irreġistrati fih għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, ittrasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Lowri EVANS
*Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 1.

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 13/DSS |
| Stat Membru | SPANJA |
| Stokk | BSF/56712- |
| Speċi | Ċinturin iswed (*Aphanopus carbo*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE u internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII |
| Data | It-22 ta' April 2011 |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 731/2011

## tat-22 ta' Lulju 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Prosciutto Amatriciano (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba tal-Italja biex id-denominazzjoni "Prosciutto Amatriciano" tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ma ntbagħtet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 307, 12.11.2010, p. 21.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajjar, immellaħ, affumikat, eċċ.)**

L-ITALJA

Prosciutto Amatriciano (IĠP)

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 732/2011

## tat-22 ta’ Lulju 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Göttinger Feldkieker (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b’mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni tal-Ġermanja biex tiddaħħal fir-reġistru d-denominazzjoni “Göttinger Feldkieker”, ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2])

(2) Billi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ma ntbagħtet l-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b’dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta’ Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 309, 13.11.2010, p. 16.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajjar, immellaħ, affumikat, eċċ.)**

IL-ĠERMANJA

Göttinger Feldkieker (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 733/2011

## tat-22 ta' Lulju 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Kołocz śląski/kołacz śląski (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa mill-Polonja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Kołocz śląski/kołacz śląski" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ma ntbagħtet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 299, 5.11.2010, p. 7.

*ANNESS*

Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

**Klassi 2.4. Ħobż, ikel tal-għaġina, kejkijiet gallettini u oġġetti oħra tal-furnar**

IL-POLONJA

Kołocz śląski/kołacz śląski (IĠP)

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 734/2011

## tat-22 ta’ Lulju 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Αρνάκι Ελασσόνας (Arnaki Elassonas) (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b’mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba li għamlet il-Greċja biex id-denominazzjoni “Αρνάκι Ελασσόνας (Arnaki Elassonas)” tiddaħħal fir-reġistru, ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ma ntbagħtet l-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b’dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta’ Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f’isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 307, 12.11.2010, p. 24.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman [mill-bniedem] elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.1. Laħam frisk (u l-ġewwieni)**

IL-GREĊJA

Αρνάκι Ελασσόνας (Arnaki Elassonas) (DPO)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 735/2011

## tat-22 ta' Lulju 2011

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Göttinger Stracke (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni tal-Ġermanja biex tiddaħħal fir-reġistru d-denominazzjoni "Göttinger Stracke", ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Billi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, ma ntbagħtet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni, din id-denominazzjoni għandha tiddaħħal fir-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOȘ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU C 309, 13.11.2010, p. 13.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajjar, immellaħ, affumikat, eċċ.)**

IL-ĠERMANJA

Göttinger Stracke (IĠP)

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 736/2011

## tas-26 ta' Lulju 2011

## li japprova s-sustanza attiva flurossipir, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 80(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([2]) għandu japplika għas-sustanzi attivi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2007 tas-27 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment tal-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-ewwel grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi ([3]), f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni. Il-flurossipir huwa mniżżel fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 737/2007.

(2) L-approvazzjoni tal-flurossipir, kif stipulata fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati ([4]), tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011. Tressqet notifika skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 737/2007 għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-flurossipir fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KE qabel l-iskadenza f'dak l-Artikolu.

(3) Dik in-notifika nstabet li hija ammissibbli permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/656/KE tat-28 ta' Lulju 2008 dwar l-ammissibilità tan-notifiki dwar it-tiġdid tal-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tas-sustanzi attivi azimsulfuron, azoxystrobin, fluroxypyr, imazalil, kresoxim-methyl, prohexadion-calcium u spiroxamin, u t-twaqqif tal-lista tan-notifikanti kkonċernati ([5]).

(4) Fil-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 737/2007, in-notifikant ressaq id-dejta meħtieġa skont dak l-Artikolu flimkien ma' spjegazzjoni tar-relevanza ta' kull studju ġdid li tressaq.

(5) L-Istat Membru relatur ħejja rapport ta' valutazzjoni f'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà Alimentari (minn hawnhekk 'il quddiem: "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2009. Flimkien mal-valutazzjoni tas-sustanza attiva, dak ir-rapport jinkludi lista tal-istudji li l-Istat Membru relatur ibbaża l-valutazzjoni tiegħu fuqhom.

(6) L-Awtorità kkomunikat ir-rapport ta' valutazzjoni lin-notifikant u lill-Istati Membri kollha għall-kummenti u ressqet il-kummenti li waslulha lill-Kummissjoni. L-Awtorità għamlet ukoll ir-rapport ta' valutazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

(7) B'talba tal-Kummissjoni, lir-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni esperta mill-Istati Membri u l-Awtorità. L-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha dwar ir-reviżjoni esperta tal-valutazzjoni tar-riskju tal-flurossipir ([6]) lill-Kummissjoni fit-24 ta' Frar 2011. Ir-rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ffinalizzati fis-17 ta' Ġunju 2011 fil-format tar-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni għall-flurossipir.

(8) Mill-bosta eżamijiet li saru ħareġ li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-flurossipir jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([3]) ĠU L 169, 29.6.2007, p. 10.
([4]) ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.
([5]) ĠU L 214, 9.8.2008, p. 70.
([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà Alimentari; Konklużjoni dwar ir-reviżjoni esperta tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva flurossipir. *EFSA Journal* 2011; 9(3):2091. [91 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2011.2091. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-użi li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport tar-reviżjoni tal-Kummissjoni. Jixraq għalhekk li l-flurossipr jiġi approvat.

(9) Madankollu, skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 flimkien mal-Artikolu 6 tiegħu u fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku attwali, jinħtieġ li jiġu inklużi ċerti kundizzjonijiet u restrizzjonijiet mhux stipulati fl-ewwel inklużjoni tiegħu fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(10) Bla ħsara għall-konklużjoni li l-flurossipir għandu jiġi approvat, jixraq partikolarment li tintalab iktar informazzjoni ta' konferma.

(11) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma' tingħata l-approvazzjoni sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-approvazzjoni.

(12) Madankollu, bla ħsara għall-obbligi stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 b'konsegwenza tal-approvazzjoni, minħabba s-sitwazzjoni speċifika li rriżultat mit-tranżizzjoni mid-Direttiva 91/414/KEE għar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandu japplika dan li ġej. L-Istati Membri għandu jkollhom perjodu ta' sitt xhur wara l-approvazzjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-flurossipir. L-Istati Membri għandhom jemendaw, jissostitwixxu jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet, skont il-każ. Permezz ta' deroga minn dik l-iskadenza, għandu jingħata perjodu itwal għas-sottomissjoni u għall-valutazzjoni tal-aġġornament tal-fajl tal-Anness III komplut, kif stipulat fid-Direttiva 91/414/KEE, ta' kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu intenzjonat skont il-prinċipji uniformi.

(13) L-esperjenza miksuba mill-inklużjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li jittratta dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], uriet li jistgħu jinħolqu d-diffikultajiet fl-interpretazzjoni tal-obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati aktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li l-obbligi tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment l-obbligu li jkun verifikat li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponix obbligi ġodda fuq l-Istati Membri jew id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet, meta mqabbla mad-direttivi li ġew adottati sal-lum li jemendaw l-Anness I ta' dik id-Direttiva jew ir-Regolamenti li japprovaw is-sustanzi attivi.

(14) Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont dan.

(15) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni ta' sustanza attiva**

Is-sustanza attiva flurossipir, kif speċifikat fl-Anness I, hija approvata skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Rivalutazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

1. F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fejn ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-flurossipir bħala sustanza attiva sat-30 ta' Ġunju 2012.

Sa dik id-data għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-kolonna dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dak l-Anness, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu f'idu dossier, jew ikollu aċċess għalih, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II tad-Direttiva 91/414/KEE skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(1) sa (4) tal-istess Direttiva u l-Artikolu 62 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-flurossipir bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-Istati Membri, qabel il-31 ta' Diċembru 2011, għandhom jerġgħu jivvalutaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, abbażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE u billi titqies il-Parti B tal-kolonna dwar id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott ikunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament Nru 1107/2009.

Wara li dan jiġi stabbilit l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-flurossipir bħala l-unika sustanza attiva, fejn ikun meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li fih il-flurossipir bħala waħda minn bosta sustanzi attivi, fejn ikun meħtieġ, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2015 jew sad-data ffissata għal tali emenda jew irtirar fl-att jew l-atti rispettivi li jkunu żiedu s-sustanza jew is-sustanzi attivi mal-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jew li jkunu approvaw dik is-sustanza jew dawk is-sustanza, skont liema minnhom tkun l-iktar reċenti.]

[1] ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

*Artikolu 3*

**Emendi lir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

| Isem komuni, Numri ta' identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità [1] | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| Fluroksipir<br>Nru CAS 69377-81-7<br>Nru CIPAC 431 | 4-amino-3,5-dikloro-6-fluoro-2-aċidu piridilossiaċetiku | ≥ 950 g/kg<br>(flurossipir-meptil) | l-1 ta' Jannar 2012 | il-31 ta' Diċembru 2021 | PARTI A<br>L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flurossipir, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.<br>F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom:<br>(1) jagħtu attenzjoni partikolari lill-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit flurossipir piridinol, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġuni b'ħamrija alkalina jew vulnerabbli u/jew b'kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli;<br>(2) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi.<br>Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju.<br>In-notifikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar:<br>(a) ir-rilevanza tal-impuritajiet preżenti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;<br>(b) ir-rilevanza tal-materjali tat-test użat fid-dossiers tat-tossiċità fid-dawl tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku;<br>(c) ir-relevanza tossikoloġika tal-metaboliti flurossipir piridinol u flurossipir metossipiridin;<br>(d) il-metodi analitiċi tar-residwi għall-pjanti;<br>(e) id-destin tal-esteri tal-flurossipir fil-matriċijiet tal-annimali;<br>(f) lir-riskju fit-tul lill-ħniex u l-organiżmi tal-ħamrija.<br>In-notifikant għandu jibgħat lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità l-informazzjoni stipulata fil-punt (a) u (b) sal-1 ta' Lulju 2012 u l-informazzjoni stipulata fil-punti (c), (d), (e) u (f) sal-31 ta' Diċembru 2013. |

[1] Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport tar-reviżjoni.

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A, il-biċċa dwar il-flurossipir titħassar.

(2) Fil-Parti B, jiżdied dan it-test:

| Nru | Isem komuni,<br>Numri ta' identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità ([1]) | Data tal-approvazzjoni | Skadenza tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "9 | Fluroksipir<br>CAS Nru 69377-81-7<br>Nru ta' CIPAC 431 | 4-amino-3,5-dikloro-6-fluoro-2-aċidu piridilossiaċetiku | ≥ 950 g/kg<br>(flurossipir-meptil) | fl-1 ta' Jannar 2012. | fil-31 ta' Diċembru 2021. | PARTI A<br>L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flurossipir, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-17 ta' Ġunju 2011.<br>F'din il-valutazzjoni kumplessiva l-Istati Membri għandhom:<br>(1) jagħtu attenzjoni partikolari lill-potenzjal ta' kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-metabolit flurossipir piridinol, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġuni b'ħamrija alkalina jew vulnerabbli u/jew b'kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli;<br>(2) għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-riskju lill-organiżmi akkwatiċi.<br>Fejn xieraq, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju.<br>In-notifikant għandu jibgħat informazzjoni ta' konferma dwar:<br>(a) ir-rilevanza tal-impuritajiet preżenti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;<br>(b) ir-rilevanza tal-materjali tat-test użati fid-dossiers tat-tossiċità fid-dawl tal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku;<br>(c) ir-relevanza tossikoloġika tal-metaboliti flurossipir piridinol u flurossipir metossipiridin;<br>(d) il-metodi analitiċi tar-residwi għall-pjanti;<br>(e) id-destin tal-esteri tal-flurossipir fil-matriċijiet tal-annimali;<br>(f) lir-riskju fit-tul lill-ħniex u l-organiżmi tal-ħamrija.<br>In-notifikant għandu jibgħat lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Awtorità l-informazzjoni stipulata fil-punt (a) u (b) sal-1 ta' Lulju 2012, u l-informazzjoni stipulata fil-punti (c), (d), (e) u (f) sal-31 ta' Diċembru 2013." |

([1]) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport tar-reviżjoni.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 737/2011

## tas-26 ta' Lulju 2011

## li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista tat-taqsimiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet li għamlu Franza u l-Ungerija,

Billi:

(1) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fih lista tat-taqsimiet skont it-tifsira mogħtija fl-Artikolu 2(d) ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont dak l-Anness, Franza hija maqsuma fi tnejn u għoxrin taqsima. Għall-għanijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009, Franza talbet li, mal-lista tat-taqsimiet, jiżdiedu l-Gwadelup, Martinique u Réunion.

(3) Skont dak l-Anness, l-Ungerija hija maqsuma f'seba' taqsimiet. Għall-għanijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009, l-Ungerija talbet li jitnaqqas l-għadd ta' taqsimiet, billi għaqqdet it-taqsimiet ta' Közép-Dunántúl, Nyugat-Dunántúl u Dél-Dunántúl fit-taqsima waħda msejħa Dunántúl u billi għaqqdet it-taqsimiet ta' Közép-Magyarország, Észak-Alföld u Dél-Alföld fit-taqsima waħda msejħa Alföld.

(4) Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabbiltà tal-Irziezet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-sena tal-kontabbiltà tal-2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

*ANNESS*

L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fil-parti li għandha x'taqsam ma' Franza, għandhom jiżdiedu t-taqsimiet li ġejjin:

"23. Il-Gwadelup

24. Martinique

25. Réunion."

(2) Il-parti li għandha x'taqsam mal-Ungerija għandha tinbidel b'dan li ġej:

"*L-Ungerija*

1. Észak-Magyarország

2. Dunántúl

3. Alföld."

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 738/2011

## tas-26 ta' Lulju 2011

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-27 ta' Lulju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0707 00 05 | TR | 102,8 |
| | ZZ | 102,8 |
| 0709 90 70 | TR | 111,7 |
| | ZZ | 111,7 |
| 0805 50 10 | AR | 73,7 |
| | TR | 62,0 |
| | UY | 62,6 |
| | ZA | 89,7 |
| | ZZ | 72,0 |
| 0806 10 10 | CL | 54,3 |
| | EG | 150,1 |
| | MA | 82,5 |
| | TN | 223,5 |
| | TR | 177,7 |
| | ZA | 62,8 |
| | ZZ | 125,2 |
| 0808 10 80 | AR | 153,0 |
| | BR | 81,8 |
| | CL | 87,4 |
| | CN | 87,0 |
| | NZ | 117,4 |
| | US | 89,9 |
| | ZA | 84,7 |
| | ZZ | 100,2 |
| 0808 20 50 | AR | 76,4 |
| | CL | 61,7 |
| | CN | 81,8 |
| | NZ | 148,5 |
| | ZA | 95,5 |
| | ZZ | 92,8 |
| 0809 10 00 | TR | 180,0 |
| | XS | 88,0 |
| | ZZ | 134,0 |
| 0809 20 95 | CL | 267,8 |
| | TR | 293,2 |
| | ZZ | 280,5 |
| 0809 30 | TR | 172,9 |
| | ZZ | 172,9 |
| 0809 40 05 | BA | 50,0 |
| | EC | 64,7 |
| | XS | 57,7 |
| | ZA | 70,8 |
| | ZZ | 60,8 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/71/UE

**tas-26 ta' Lulju 2011**

**li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-kreożot jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/8/KE tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' għaxar snin (10) imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali ([2]) jistabbilixxi lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-għan li possibbilment ikunu inklużi fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE. Dik il-lista tinkludi l-kreożot.

(2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1451/2007, il-kreożot ġie evalwat skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE għall-użu fi prodotti tat-tip 8, preservattivi tal-injam, kif iddefinit fl-Anness V għal dik id-Direttiva.

(3) L-Isvezja nħatret bħala l-Istat Membru Rapporteur u ressqet ir-rapport tal-awtorità kompetenti, flimkien ma' rakkomandazzjoni, lill-Kummissjoni fil-31 ta' Ottubru 2007 skont l-Artikolu 14(4) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007. Mir-rapport jidher li l-evalwazzjoni tkopri biss il-kreożot ta' Grad B u ta' Grad C kif speċifikat fl-Istandard Ewropew EN 13991:2003.

(4) Fit-30 ta' April 2008 tvarat konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni ġew ippubblikati u diskussi fit-tletin (30) laqgħa tar-rappreżentanti tal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/8/KE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali.

(5) Ir-rapport tal-awtorità kompetenti ġie analizzat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 1451/2007, is-sejbiet tal-analiżi ġew inkorporati, fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali fis-17 ta' Diċembru 2010, f'rapport ta' valutazzjoni.

(6) Mir-rapport ta' valutazzjoni jidher li l-preservattivi tal-injam li fihom il-kreożot probabbilment huma mistennija li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/8/KE, meta jiġu applikati għall-injam f'uħud mix-xenarji evalwati. Barra minn hekk, kien hemm indikazzjonijiet qawwija fil-konsultazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq li hemm benefiċċji soċjo-ekonomiċi konsiderevoli meta l-kreożot jintuża f'ċerti applikazzjonijiet. L-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja sottomessa u ppubblikata fil-kuntest tal-konsultazzjoni ssuġġeriet li, f'ċerti każijiet, ma teżisti l-ebda alternattiva xierqa għall-kreożot, li tagħmel anqas ħsara lill-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li l-kreożot jiġi inkluż fl-Anness I.

(7) Madankollu, għal ċerti xenarji ta' użu tal-injam ppreżentati fir-rapport ta' valutazzjoni, fil-valutazzjoni tar-riskji ġew identifikati riskji inaċċettabbli għall-ambjent.

(8) Barra minn hekk, il-kreożot jitqies bħala karċinoġen mingħajr valur tal-limitu u huwa kklassifikat bħala karċinoġen tal-kategorija 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([3]).

([1]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3.
([3]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

(9) Il-kreożot li huwa taħlita ta' mijiet ta' komposti, fih l-aktar idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (polycyclic aromatic hydrocarbons, "PAHs"). Uħud minn dawn tqiesu mill-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi bħala persistenti, bijokumulattivi u tossiċi ("PBT"; antraċen ([1])) jew persistenti ħafna u bijokumulattivi ħafna ("vPvB"; fluworoanten, fenantren u piren ([2])) skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([3]).

(10) Il-PAHs huma elenkati bħala sustanzi soġġetti għal dispożizzjonijiet ta' tnaqqis ta' rilaxx fl-Anness III għall-Protokoll tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Distanza Twila dwar Sustanzi Niġġiesa Organiċi Persistenti ("POPs") u fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti [sustanzi niġġiesa organiċi persistenti] u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ([4]).

(11) Dokument ta' gwida adottat bid-Deċiżjoni 2009/4 tal-Korp Eżekuttiv għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Distanza Twila jelenka l-aqwa tekniki disponibbli biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet tal-POPs minn sorsi fissi ewlenin. Il-Parti E tat-Taqsima V ta' dak id-dokument ta' gwida tindirizza speċifikament l-emissjonijiet tal-PAHs assoċjati mal-preservazzjoni tal-injam fejn jintużaw prodotti derivati mill-qatran li fihom il-PAHs, bħalma hu l-kreożot. It-tekniki huma relatati mal-mili (impregnation), il-ħżin, l-immaniġġar u l-użu tal-injam, u jinkludu l-użu ta' alternattivi li jimminimizzaw id-dipendenza fuq prodotti bbażati fuq il-PAHs. Tirrakkomanda wkoll l-aqwa tekniki disponibbli li għandhom jiġu applikati jekk l-injam ittrattat jinħaraq.

(12) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004 li jinqara flimkien mal-Anness III għal dak ir-Regolament, l-Istati Membri huma meħtieġa jadottaw pjanijiet ta' azzjoni inklużi miżuri li jippromwovu l-iżvilupp u, fejn iqisu xieraq, jesiġu l-użu ta' materjali, prodotti u proċessi sostituti jew modifikati biex jipprevjenu l-formazzjoni u r-rilaxx tal-PAHs. Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom, fi ħdan l-iskemi ta' valutazzjoni u ta' awtorizzazzjoni għal sustanzi kimiċi u pestiċidi eżistenti taħt il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, jieħdu miżuri xierqa biex jikkontrollaw sustanzi kimiċi u pestiċidi eżistenti li juru karatteristiċi tal-POPs.

(13) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ([5]) tidentifika l-PAHs bħala sustanzi perikolużi ta' prijorità, u li t-tniġġis tal-ilmijiet tal-wiċċ minħabba rilaxx, emissjoni jew telf tagħhom jeħtieġ li jitwaqqaf jew jitwaqqaf gradwalment.

(14) Għalhekk huwa xieraq li l-inklużjoni tkun limitata għal ħames snin biss u li tkun soġġetta għal valutazzjoni tar-riskji komparattiva skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(5)(i) tad-Direttiva 98/8/KE qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I.

(15) Barra minn hekk, il-prodotti bijoċidali li fihom il-kreożot għandhom jiġu awtorizzati biss għal applikazzjonijiet fejn, meta jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi lokali u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha, ma jkun hemm disponibbli l-ebda alternattiva xierqa. Meta ssir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' prodott jew rikonoxximent reċiproku, l-Istat Membru li jirċievi l-applikazzjoni għandu għalhekk jitlob lill-applikant analiżi rigward il-fattibilità teknika u ekonomika tas-sostituzzjoni. Abbażi ta' din l-analiżi u kwalunkwe tagħrif ieħor li jkollu disponibbli, Stat Membru li jawtorizza għandu jiġġustifika l-konklużjoni tiegħu li m'hemm l-ebda alternattiva xierqa disponibbli u jirrapporta l-ġustifikazzjoni lill-Kummissjoni fi stadju meta jkun mistenni li l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti jkunu ngħataw. F'dan il-kuntest, sabiex tiżdied it-trasparenza, huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jinkludu fir-rapport it-tagħrif tagħhom dwar kif jiġi promoss l-iżvilupp ta' alternattivi skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 850/2004, direttament jew inkella b'referenza għal pjan ta' azzjoni ppubblikat. Sabiex tiżdied aktar it-trasparenza, huwa xieraq li jiġi żgurat li dan it-tagħrif ikun disponibbli għall-pubbliku.

(16) Fil-livell tal-Unjoni ma ġewx evalwati l-użi kollha potenzjali tal-injam ittrattat bil-kreożot. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jivvalutaw dawk l-użi jew ix-xenarji ta' esponiment u dawk ir-riskji għal kompartimenti u popolazzjonijiet li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskji li saret fil-livell tal-Unjoni, u li, meta jkunu qed jagħtu l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti, jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa jew li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi sabiex ir-riskji identifikati jitnaqqsu għal livelli aċċettabbli.

(17) L-entrata numru 31 fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tirregola l-kundizzjonijiet għall-użu tal-kreożot fit-trattament tal-injam u għat-tqegħid fis-suq ta' njam ittrattat bil-kreożot. Huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-prodotti bijoċidali li fihom il-kreożot ikunu soġġetti għal konformità ma'

([1]) Dokument ta' appoġġ tal-Kumitat tal-Istat Membru għall-identifikazzjoni tal-antraċen bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna adottat fit-8 ta' Ottubru 2008.

([2]) Dokument ta' appoġġ tal-Istat Membru għall-identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen, antraċen baxx bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna minħabba l-proprjetajiet tiegħu ta' CMR, PBT u vPvB, adottat fl-4 ta' Diċembru 2009.

([3]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

([4]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

([5]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

dawk ir-restrizzjonijiet. Permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 1999/832/KE tas-26 ta' Ottubru 1999 rigward id-dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi rigward il-limitazzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-kreożot ([1]), 2002/59/KE tat-23 ta' Jannar 2002 rigward abbozz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali nnotifikati mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi taħt l-Artikolu 95(5) tat-Trattat tal-KE dwar il-limitazzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-injam ittrattat bil-kreożot ([2]), u 2002/884/KE tal-31 ta' Ottubru 2002 rigward dispożizzjonijiet nazzjonali dwar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' njam ittrattat bil-kreożot innotifikati mill-Pajjiżi l-Baxxi taħt l-Artikolu 95(4) u (5) tat-Trattat tal-KE ([3]), il-Kummissjoni awtorizzat lill-Pajjiżi l-Baxxi biex iżomm dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti u aktar stretti nnotifikati taħt it-Trattat tal-KE [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 67(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([4]), dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jinżammu sal-1 ta' Ġunju 2013. Dawn jinkludu projbizzjoni fuq l-użu tal-injam ittrattat bil-kreożot għal applikazzjonijiet li jinvolvu kuntatt mal-ilma tas-superfiċje jew mal-ilma ta' taħt l-art.

(18) Fid-dawl tas-sejbiet tar-rapport ta' valutazzjoni, huwa xieraq li, għall-prodotti li fihom il-kreożot u li jintużaw bħala preservattivi tal-injam, ikun meħtieġ li jittieħdu miżuri ta' tnaqqis tar-riskji fil-livell tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti. Minħabba l-proprjetajiet karċinoġeniċi tal-kreożot, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-prodotti bijoċidali li fihom is-sustanza jkunu soġġetti għar-rekwiżit li l-miżuri kollha possibbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni [esponiment] għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) ([5]) jiġu applikati sabiex il-ħaddiema, inklużi l-utenti tal-prodott wara li jiġi mmanufatturat, ikunu protetti mill-esponiment waqt it-trattament u l-immaniġġar tal-injam ittrattat. Fid-dawl tar-riskji identifikati għall-kompartimenti tal-ħamrija u dawk akkwatiċi, għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġu protetti dawk il-kompartimenti. Għandhom għalhekk jingħataw struzzjonijiet li jindikaw li l-injam li jkun għadu kif ġie ttrattat jeħtieġ li jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli, jew it-tnejn, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġ li jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi.

(19) Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu applikati b'mod simultanju fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurat trattament ugwali tal-prodotti bijoċidali fis-suq li fihom is-sustanza attiva kreożot u wkoll biex jiffaċilitaw l-operat kif suppost tas-suq ġenerali tal-prodotti bijoċidali.

(20) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex jippermetti lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ġodda involuti, u biex jiġi żgurat li l-applikanti li jkunu ħejjew id-dossiers ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-perjodu ta' għaxar (10) snin ta' protezzjoni tad-dejta, li skont l-Artikolu 12(1)(c)(ii) tad-Direttiva 98/8/KE jibda mid-data tal-inklużjoni.

(21) Wara l-inklużjoni, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu raġonevoli biex jimplimentaw l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 98/8/KE.

(22) Id-Direttiva 98/8/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(23) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 98/8/KE ma tax opinjoni dwar il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva u l-Kummissjoni għalhekk issottomettiet lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri u bagħtitha lill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill ma ħax azzjoni fi żmien il-perjodu ta' xahrejn ipprovdut bl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([6]), u għalhekk il-Kummissjoni ssottomettiet minnufih proposta lill-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew ma opponiex il-miżura fi żmien erba' xhur minn meta ntbagħtet kif imsemmi hawn fuq,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE huwa emendat skont l-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. Mhux aktar tard mit-30 ta' April 2012, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Mejju 2013.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

[1] ĠU L 329, 22.12.1999, p. 25.
[2] ĠU L 23, 25.1.2002, p. 37.
[3] ĠU L 308, 9.11.2002, p. 30.
[4] ĠU C 130, 9.6.2009 EN, p. 3.
[5] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.
[6] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fl-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE għandha tiżdied l-entrata li ġejja:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "45 | Kreożot | Kreożot<br>Nru tal-KE: 232-287-5<br>Nru tal-CAS: 8001-58-9 | Kreożot ta' Grad B jew ta' Grad C kif speċifikat fl-Istandard Ewropew EN 13991:2003 | fl-1 ta' Mejju 2013. | fit-30 ta' April 2015. | fit-30 ta' April 2018. | 8 | Il-prodotti bijoċidali li fihom il-kreożot jistgħu jiġu awtorizzati biss għal użi fejn l-Istat Membru li jawtorizza, abbażi ta' analiżi rigward il-fattibilità tas-sostitituzzjoni li għandha titlob mingħand l-applikant, kif ukoll kwalunkwe tagħrif ieħor disponibbli, jikkonkludi li m'hemm disponibbli l-ebda alternattiva xierqa. Dawk l-Istati Membri li jawtorizzaw tali prodotti fit-territorju tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2016 għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni li jiġġustifika l-konklużjoni tagħhom li m'hemm l-ebda alternattiva xierqa u li jindika kif qed jiġi promoss l-iżvilupp ta' alternattivi. Il-Kummissjoni se tagħmel dawn ir-rapporti disponibbli għall-pubbliku.<br>Is-sustanza attiva għanda tkun soġġetta għal valutazzjoni tar-riskji komparattiva skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(5)(i) qabel ma tiġġedded l-inklużjoni tagħha f'dan l-Anness.<br>Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' prodott tkun qed tiġi vvalutata, skont l-Artikolu 5 u l-Anness VI, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw, fejn rilevanti għall-prodott partikolari, dawk l-użi jew ix-xenarji ta' esponiment u dawk ir-riskji għal kompartimenti ambjentali u popolazzjonijiet li ma ġewx indirizzati b'mod rappreżentattiv fil-valutazzjoni tar-riskji fil-livell tal-Unjoni.<br>L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(1) Il-kreożot jista' jintuża biss taħt il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 2 tat-tieni kolonna tal-entrata Nru 31 fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([1]).<br>(2) Il-kreożot ma għandux jintuża għat-trattament tal-injam maħsub għal dawk l-użi msemmija fil-punt 3 tat-tieni kolonna tal-entrata Nru 31 fl-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | (3) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex il-ħaddiema, inklużi l-utenti tal-prodott wara li jiġi mmanifatturat, jiġu protetti mill-esponiment waqt it-trattament u l-immaniġġar tal-injam ittrattat skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esposizzjoni [esponiment] għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) ([2]).<br><br>(4) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għat-taffija tar-riskji sabiex jiġu protetti l-kompartimenti tal-ħamrija u dawk akkwatiċi. B'mod partikolari, it-tikketti u, fejn ipprovduti, l-iskedi tad-dejta dwar is-sikurezza tal-prodotti awtorizzati għandhom jindikaw li l-injam li jkun għadu kemm ġie ttrattat jeħtieġlu jinħażen wara t-trattament taħt għata jew fuq bażi iebsa impermeabbli, jew it-tnejn, biex ma jitħalliex li jkun hemm rilaxxi diretti fil-ħamrija jew fl-ilma, u li kwalunkwe materjal li jiskula mill-injam jeħtieġlu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew għar-rimi. |

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-6 ta' Lulju 2011**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/025 DK/Odense Steel Shipyard mid-Danimarka)**

(2011/468/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas- 17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEG twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill- 1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas- 17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Id-Danimarka ressqet applikazzjoni fis- 6 ta' Ottubru 2010 għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-impriża Odense Steel Shipyard u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sat- 8 ta' Marzu 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 14 181 901.

(5) L-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mid-Danimarka.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 14 181 901 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, is-6 ta' Lulju 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. DOWGIELEWICZ |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Lulju 2011

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/022 DK/LM Glasfiber mid-Danimarka)

(2011/469/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEG twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Id-Danimarka ressqet applikazzjoni fis-7 ta' Lulju 2010 għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża LM Glasfiber u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sat-3 ta' Frar 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 6 247 415.

(5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mid-Danimarka,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 6 247 415 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Strasburgu, is-6 ta' Lulju 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. DOWGIELEWICZ |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-6 ta' Lulju 2011

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/031 BE/General Motors Belgium mill-Belġju)

(2011/470/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEG twessa' għal applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Fl-20 ta' Diċembru 2010 il-Belġju ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG fir-rigward tas-sensji fl-intrapriża General Motors Belgium u erbgħa mill-fornituri tagħha u sostnieha b'informazzjoni addizzjonali sal-24 ta' Jannar 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ippreżentat proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 9 593 931.

(5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Belġju,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 9 593 931 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' ħlas.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, is-6 ta' Lulju 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. DOWGIELEWICZ |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-14 ta’ Diċembru 2010

## dwar għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja lill-grupp Biria (C 38/05 (ex NN 52/04))

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8289)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/471/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ([2]), u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

### I. PROĊEDURA

### 1.1. Il-proċedimenti quddiem il-Kummissjoni

(1) Fit-23 ta’ Jannar 2002 u fl-20 ta’ Awwissu 2002 il-Kummissjoni rċeviet ilment fir-rigward ta’ għajnuna mill-istat mogħtija lill-grupp Biria fil-forma ta’ garanzija pubblika.

(2) Wara dan segwa skambju ta’ korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-Ġermanja; permezz tal-ittra datata 24 ta’ Jannar 2003, irreġistrata bħala posta li waslet għand il-Kummissjoni fit-28 ta’ Jannar 2003, il-Ġermanja informat lill-Kummissjoni li l-pjan li tingħata l-garanzija, li kien ikkondizzjonat mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni, kien ġie rtirat. Il-kwerelant ġie informat b’dan permezz tal-ittra datata 17 ta’ Frar 2003.

(3) Permezz tal-ittri datati l-1 ta’ Lulju 2003, irreġistrata bħala posta li waslet fid-9 ta’ Lulju 2003, u t-8 ta’ Awwissu 2003, irreġistrata bħala posta li waslet fil-5 ta’ Settembru 2003, il-kwerelant issottometta aktar informazzjoni dwar garanzija pubblika oħra lill-grupp Biria u parteċipazzjoni pubblika f’kumpaniji li huma tal-grupp.

(4) Il-Kummissjoni talbet l-informazzjoni permezz tal-ittra tad-9 ta’ Settembru 2003, li għaliha l-Ġermanja wieġbet permezz tal-ittra datata 14 ta’ Ottubru 2003, irreġistrata bħala posta li waslet fis-16 ta’ Ottubru 2003. Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni fid-9 ta’ Diċembru 2003, li l-Ġermanja pprovdiet permezz tal-ittra datata 19 ta’ Marzu 2004, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

(5) Il-Kummissjoni ddubitat jekk l-għajnuna mogħtija lill-grupp Biria kinitx konformi mal-iskemi li abbażi tagħhom kienet apparentement ingħatat, u fit-18 ta’ Ottubru 2004 hija ħarġet inġunzjoni ta’ informazzjoni. Bi tweġiba għall-inġunzjoni ta’ informazzjoni, il-Ġermanja ssottomettiet aktar informazzjoni, permezz tal-ittra datata 31 ta’ Jannar 2005, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

(6) Fl-20 ta’ Ottubru 2005 il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni formali fir-rigward ta’ tliet miżuri ta’ għajnuna mill-istat suspettati. Fl-istess deċiżjoni l-Kummissjoni kkunsidrat li diversi miżuri oħra li kienu ġew allegati li jikkostitwixxu għajnuna illegali mill-istat, jew ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-istat jew kienu ngħataw skont l-iskemi ta’ għajnuna approvati. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-investigazzjoni kienet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti dwar il-miżuri ta’ għajnuna previsti. Ġew sottomessi kummenti minn terza parti li xtaqet tibqa’ anonima, permezz tal-ittra datata 27 ta’ Jannar 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fit-30 ta’ Jannar 2006; minn Prophete GmbH & Co. KG, Rheda-Wiedenbrück, u Pantherwerke AG, Löhne, permezz tal-ittra datata 6 ta’ Frar 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata; u minn Vaterland-Werke GmbH & Co. KG, Neuenrade, permezz ta’ żewġ ittri, waħda datata 6 ta’ Frar 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata, u waħda datata 27 ta’ Frar 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

(7) Il-kummenti ġew trażmessi lill-Ġermanja permezz tal-ittri tas-6 ta’ Frar 2006 u tat-2 ta’ Marzu 2006. Il-Ġermanja wieġbet għall-kummenti permezz tal-ittra datata 5 ta’ April 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fis-7 ta’ April 2006, u permezz tal-ittra datata 12 ta’ Mejju 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

([1]) B’effett mill-1 ta’ Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE saru l-Artikoli 107 u 108 rispettivament tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Iż-żewġ settijiet ta’ dispożizzjonijiet huma sostanzjalment identiċi. Għall-finijiet ta’ din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE għandhom jinftiehmu fejn adattat bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88, rispettivament, tat-Trattat KE, u r-referenzi għall-Qorti Ġenerali bħala referenzi għall-Qorti tal-Prim’ Istanza.

([2]) ĠU C 2, 5.1.2006, p. 14.

([3]) Ara n-nota f’qiegħ il-paġna nru 2.

(8) It-tweġiba tal-Ġermanja għall-bidu tal-investigazzjoni formali ngħatat permezz tal-ittra datata 23 ta' Jannar 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

(9) Il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni fis-6 ta' Frar 2006, u l-Ġermanja pprovdiet din l-informazzjoni permezz tal-ittra datata 5 ta' April 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fis-7 ta' April 2006. Il-Kummissjoni baghtet talba oħra għall-informazzjoni fid-19 ta' Lulju 2006, li għaliha l-Ġermanja wieġbet permezz tal-ittra datata 25 ta' Settembru 2006, irreġistrata bħala posta li waslet fis-26 ta' Settembru 2006.

(10) Fl-24 ta' Jannar 2007 il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ([4]) skont l-Artikolu 7(5) u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([5]).

### 1.2. Il-proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali

(11) Fil-5 ta' April 2007 il-*Land* ta' Saxony ressqet azzjoni li tisfida d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri 2 u 3 (Każ T-102/07). Ġiet ippreżentata applikazzjoni oħra fis-16 ta' April 2007 minn MB Immobilien Verwaltungs GmbH u MB System GmbH & Co. KG, is-suċċessuri legali tar-riċevituri tal-għajnuna li għalihom kienet relatata d-Deċiżjoni (Każ T-120/07). Din it-tieni applikazzjoni kienet tikkonċerna t-tliet miżuri kollha li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni. Fl-24 ta' Novembru 2008 il-President tal-Qorti ddeċieda li jgħaqqad iż-żewġ każijiet.

(12) Permezz tas-sentenza tat-3 ta' Marzu 2010, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2007.

(13) It-talbiet tal-partijiet kienu fil-biċċa l-kbira tagħhom l-istess: is-sottomissjonijiet ewlenin tagħhom kienu kif ġej. L-ewwel, il-Kummissjoni kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-miżuri 2 u 3 kienu 'l barra mill-ambitu tal-iskema ta' għajnuna Ġermaniża approvata. It-tieni, il-Kummissjoni kienet żbaljata fil-valutazzjoni tagħha tal-fatti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-riċevituri kellhomx jitqiesu bħala intrapriżi f'diffikultà. It-tielet, id-Deċiżjoni ma pprovdietx dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għall-valutazzjoni li għamlet tal-ammont ta' għajnuna involut.

(14) Il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konklużjoni tad-Deċiżjoni li l-miżuri 2 u 3 kienu lil hinn mill-ambitu tal-iskema approvata. Il-Qorti kkonfermat ukoll il-konklużjoni tal-Kummissjoni li r-riċevituri kienu jikkostitwixxu "intrapriżi f'diffikultà" skont id-definizzjoni fil-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi f'diffikultà (1999, minn hawn 'il quddiem "il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar 1999") ([6]). Hija annullat id-Deċiżjoni biss għar-raġuni li ma pprovdietx dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għall-primjums tar-riskji li użat biex tiddetermina l-komponent tal-għajnuna. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali sostniet li sabiex jiġi ddeterminat il-komponent tal-għajnuna f'self lill-intrapriża f'diffikultà, ir-referenza biss għan-notifika tal-Kummissjoni dwar il-metodu tal-issettjar tar-rati ta' referenza u ta' skont (1997, minn hawn 'il quddiem "in-Notifika dwar ir-Rati ta' Referenza tal-1997") ([7]) ma kinitx biżżejjed bħala dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-primjums tar-riskji differenti.

(15) Kif mitlub mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, għalhekk, id-Deċiżjoni preżenti timplimenta s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, u tispjega f'aktar dettall il-metodu li segwiet il-Kummissjoni sabiex tikkalkula l-komponent tal-għajnuna fil-miżuri inkwistjoni. Din id-Deċiżjoni ma tibdel xejn mill-valutazzjoni skont il-liġi dwar l-għajnuna mill-istat li l-Kummissjoni għamlet fid-Deċiżjoni tal-24 ta' Jannar 2007, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti kkunsidrati diġà mill-Qorti.

### 1.3. Il-proċedimenti wara s-sentenza

(16) Wara s-sentenza, permezz tal-ittra tas-7 ta' Ġunju 2010, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata, ir-riċevituri ssottomettew aktar kummenti. Il-kummenti ntbagħtu lill-Ġermanja fis-16 ta' Ġunju 2010. Il-Ġermanja bagħtet tweġiba lill-Kummissjoni għall-kummenti tar-riċevituri permezz tal-ittra tat-12 ta' Lulju 2010, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

(17) Fid-19 ta' Awwissu 2010, il-Kummissjoni bagħtet talba lill-Ġermanja għall-informazzjoni, li l-Ġermanja wieġbet għaliha permezz tal-ittra datata 14 ta' Settembru 2010, irreġistrata bħala posta li waslet fl-istess ġurnata.

## II. DESKRIZZJONI

### 2.1. Ir-riċevitur

(18) Sas-7 ta' Novembru 2005 il-grupp Biria kien jimmanifattura u jbiegħ ir-roti. Dak iż-żmien, il-kumpanija possedenti tal-grupp kienet tissejjaħ Biria AG, u kienet ibbażata fi Neukirch, Saxony, żona assistita skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE ([8]).

(19) Fl-2003 il-grupp kellu dħul ta' EUR 93,2 miljun (meta mqabbel ma' EUR 83,8 miljun fl-2002) u għamel profitti ta' EUR 3,7 miljun (meta mqabbel ma' telf ta' EUR 5,8 miljun fl-2002). Il-grupp kellu 415-il impjegat fl-2003 (490 fl-2002), u għalhekk kellu jiġi klassifikat bħala intrapriża kbira.

(20) Il-kumpanija possedenti nħolqot fl-2003, permezz tal-amalgamazzjoni tal-Biria AG ta' qabel f'waħda mis-sussidjarji tagħha, Sachsen Zweirad GmbH. L-isem tal-kumpanija inkorporanti nbidel minn Sachsen Zweirad GmbH għal Biria GmbH. F'April 2005 Biria GmbH ġiet mibdula

([4]) ĠU L 183, 13.7.2007, p. 27.
([5]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([6]) ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.
([7]) ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3.
([8]) Iż-żona kienet żona assistita fi żmien il-miżura inkwistjoni, u skont il-mappa tal-għajnuna reġjonali tal-Ġermanja għall-2007-2013 qed tkompli tkun hekk (ĠU C 295, 5.12.2006, p. 6).

f'Biria AG ġdida. Fl-2003 Biria GmbH kellha dħul annwali ta' EUR 55,7 miljun u għamlet profitti ta' EUR 3,6 miljun. Is-sid uniku tal-Biria AG kien is-Sur Mehdi Biria. Il-kumpanija possedenti minn hawn 'il quddiem hija magħrufa bħala "Biria".

(21) Minbarra l-kumpanija possedenti, il-kumpaniji ewlenin fil-grupp kienu Bike Systems GmbH & Co., Thüringer Zweiradwerk KG ("Sistemi tar-Roti") — li l-Biria kellha s-sjieda tagħha permezz tas-sussidjarja tal-Biria, il-Bike Systems Betriebs- und Beteiligungsgesellschaft mbH ("BSBG") — u Checker Pig GmbH.

(22) Bike Systems kienet ibbażata f'Nordhausen, Thuringia, li hija żona assistita skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. Fl-2003 kellha dħul ta' EUR 6,1 miljun, u telf ta' EUR 0,6 miljun. Hija kellha 157 impjegat. Bike Systems ipproduċiet ir-roti esklussivament għall-kumpanija possedenti tagħha BSBG, taħt kuntratt tal-produzzjoni magħruf bħala *Lohnherstellungsvertrag*. BSBG kienet responsabbli mid-distribuzzjoni tar-roti.

(23) Checker Pig GmbH kienet ibbażata fi Dresden, Saxony, li hija żona assistita skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. Fl-2003, Checker Pig kellha dħul ta' EUR 6,9 miljun, u għamlet telf ta' EUR 0,4 miljun. Hija kellha 43 impjegat.

(24) Fis-7 ta' Novembru 2005 Biria biegħet il-biċċa l-kbira tal-assi tagħha lil żewġ kumpaniji li jagħmlu parti mill-grupp Lone Star, fond tal-ekwità privata. Il-propjetà immobbli baqgħet għand Biria, u krietha lill-grupp Lone Star. Il-prezz tal-bejgħ tal-assi kien ta' EUR 11,5 miljun. L-espert estern kien evalwa l-prezz tas-suq tal-assi fil-livell ta' EUR 10,7 miljun.

(25) Skont l-informazzjoni li ssottomettiet il-Ġermanja, il-bejgħ twettaq permezz ta' offerta miftuħa, trasparenti u mhux kondizzjonata. Is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata fuq l-Internet u f'diversi midja stampata. Fil-każ tal-involviment ta' investitur ġdid kien hemm diversi għażliet: ftehim ta' negozju dwar l-assi, ix-xiri tal-assi kollha en bloc, jew ftehim ta' negozju dwar l-ishma. Fl-aħħar mill-aħħar l-assi nxtraw mill-grupp Lone Star permezz ta' ftehim ta' negozju dwar l-assi.

(26) Skont il-Ġermanja, l-isforzi biex tinbiegħ il-kumpanija bdew qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-investigazzjoni formali, li ttieħdet fl-20 ta' Ottubru 2005. L-ewwel offerti kellhom jiġu sottomessi sal-4 ta' Ottubru 2005.

(27) Attwalment is-suċċessur legali ta' Biria AG il-ġdida, hija MB Immobilien Verwaltungs GmbH (minn hawn 'il quddiem "MB Immobilien");is-suċċessur legali ta' Bike Systems hija MB System GmbH & Co. KG (minn hawn 'il quddiem "MB System"). MB Immobilien ilha f'likwidazzjoni sa minn Lulju tal-2008.

(28) F'din id-Deċiżjoni, il-kumpaniji, bl-eċċezzjoni tal-kumpanija possedenti Biria, jissemmew bl-ismijiet li kellhom fi żmien il-miżuri inkwistjoni.

### 2.2. **Il-miżuri finanzjarji**

(29) Miżura 1: F'Marzu 2001, gbb Beteiligungs AG (minn hawn 'il quddiem "gbb") ipprovdiet lil Bike Systems b'parteċipazzjoni siekta *(stille Einlage)* li kienet tammonta għal EUR 2 070 732, biex isservi sal-aħħar tal-2010. gbb kienet sussidjarja posseduta totalment minn DtA-Beteiligungs-Holding AG, li hi nnifisha kienet sussidjarja posseduta totalment minn Deutsche Ausgleichsbank, bank għall-iżvilupp tal-Gvern Federali li kien twaqqaf bil-leġiżlazzjoni fil-forma ta' korporazzjoni regolata mil-liġi pubblika.

(30) gbb diġà kienet teżisti fiż-żmien l-eks Repubblika Demokratika Ġermaniża, meta kienet il-bank tal-istat għall-agrikoltura. Fl-1990, taħt it-Trattat ta' Unifikazzjoni, hija saret Berliner Genossenschaftsbank, korporazzjoni skont il-liġi pubblika taħt is-superviżjoni tal-Ministeru Federali tal-Finanzi. Fl-1991 isimha nbidel għal gbb Beteiligungsholding, u fl-1997 ġiet maqluba fil-forma ta' kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata (AG). Issa ma kinitx għadha l-proprjetà tal-Gvern Federali, iżda saret sussidjarja ta' Deutsche Ausgleichsbank. Sa minn meta twaqqfet gbb, l-amministrazzjoni pubblika eżerċitat influwenza estensiva fuqha. Meta kienet korporazzjoni regolata mil-liġi pubblika, kienet taħt is-superviżjoni diretta tal-ministeru responsabbli, u l-awtoritajiet kienu rappreżentati fuq il-bord superviżorju tagħha. Meta ġiet maqluba f'kumpanija b'responsabbiltà limitata, u saret sussidjarja ta' Deutsche Ausgleichsbank, ġiet taħt is-superviżjoni li l-awtoritajiet pubbliċi kienu jeżerċitaw fuq Deutsche Ausgleichsbank (ara l-premessi li ġejjin).

(31) Deutsche Ausgleichsbank kien korporazzjoni regolata mil-liġi pubblika u kien taħt is-superviżjoni tal-Ministeru Federali tal-Affarijiet Interni. Il-maġġoranza tal-membri tal-bord superviżorju tiegħu kienu rappreżentanti tal-ministeri federali jew tal-*Land* jew membri tal-Bundestag.

(32) It-Taqsima 4(1) tal-Att tad-Deutsche Ausgleichsbank tgħid li l-attivitajiet tal-bank huma limitati għall-finanzjament tal-miżuri li jappoġġjaw l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u l-professjonijiet, iħarsu l-ambjent, jippromwovu l-politika soċjali, u jintegraw il-persuni spostati b'konsegwenza tat-Tieni Gwerra Dinjija.

(33) It-Taqsima 4(4) tal-Att tipprovdi li Deutsche Ausgleichsbank jista' jakkwista interessi f'intrapriżi oħra jekk il-bord superviżorju tiegħu u l-ministeru li qed jagħmel superviżjoni fuqu, jaqblu.

(34) Il-parteċipazzjoni siekta f'Bike Systems hija elenkata fir-rapporti annwali ta' Deutsche Ausgleichsbank tas-snin 2001 u 2002: il-parteċipazzjoni kienet tlaħħaq l-20 %, li b'hekk qabżet il-livell limitu li wassal għall-obbligu tar-rappurtar. Fl-2001, gbb kellha interessi ta' 20 % jew aktar f'total ta' 18-il kumpanija.

(35) Fl-2003, skont l-Att Federali, Deutsche Ausgleichsbank ġie amalgamat ma' Kreditanstalt für Wiederaufbau.

(36) Kemm Deutsche Ausgleichsbank kif ukoll Kreditanstalt für Wiederaufbau huma dawk hekk imsejħa istituzzjonijiet tal-iżvilupp *(Förderinstitute)*, jiġifieri banek li l-attivitajiet tagħhom huma limitati għall-appoġġ tal-miżuri tal-politika reġjonali, ekonomika u soċjali. Fil-każ E 10/2000 dwar l-għajnuna mill-istat, il-Ġermanja aċċettat il-miżuri xierqa li llimitaw l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-iżvilupp għall-attivitajiet mhux kummerċjali speċifiċi, inkluż l-amministrazzjoni tal-programmi ta' appoġġ għall-SMEs ([9]).

(37) Skont il-Ġermanja, il-parteċipazzjoni ta' gbb f'Bike Systems kienet ingħatat bit-termini tas-suq, u konsegwentement ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-istat.

(38) Miżura 2: Fl-20 ta' Marzu 2003 l-*Land* ta' Saxony tat garanzija ta' 80 % fuq self ta' kapital li jdur ta' EUR 5,6 miljun lil Sachsen Zweirad GmbH, li oriġinarjament kellu jwassal sal-aħħar tal-2008. Il-garanzija ngħatat lura f'Jannar tal-2004, u ġiet mibdula b'garanzija għal Biria GmbH (ara miżura 3). Il-garanzija ngħatat fuq il-bażi tal-iskema tal-garanziji fuq self f'Saxony, skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni ([10]).

(39) Miżura 3: Fid-9 ta' Diċembru 2003 l-*Land* ta' Saxony tat garanzija ta' 80 % fuq self ta' kapital li jdur li kien jammonta għal EUR 24 875 000 lil Biria GmbH (aktar tard Biria AG) biex tiffinanzja ż-żieda ppjanata fid-dħul u r-ristrutturar tal-pjan tal-finanzjament tal-grupp. Is-self kellu jimmatura fil-31 ta' Diċembru 2011, u kien jikkonsisti fi EUR 8 miljun biex jitħallas lura s-self fuq il-kapital li jdur *(Betriebsmitteltilgungsdarlehen)*, EUR 7,45 miljun bħala faċilità ta' self kurrenti *(Kontokorrentlinie)*, u EUR 9425 miljun għall-ħtiġiet ta' finanzjament staġjonali *(Saisonfinanzierungslinie)*. Il-garanzija ngħatat fuq il-bażi tal-iskema tal-garanziji fuq self f'Saxony, skema ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni. Ġiet ipprovduta soġġett għall-kundizzjoni li l-garanzija ta' qabel lil Sachsen Zweirad GmbH (miżura 2) tingħata lura. Hija daħlet fis-seħħ biss fil-5 ta' Jannar 2004, meta l-garanzija lil Sachsen Zweirad kienet fil-fatt ingħatat lura.

## III. RAĠUNIJIET GĦALL-GĦOTI TA' BIDU TAL-INVESTIGAZZJONI FORMALI

(40) Il-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni formali peress li ddubitat kemm il-parteċipazzjoni siekta ngħatatx bit-termini tas-suq, kif sostniet il-Ġermanja. Il-Kummissjoni kkunsidrat li Bike Systems kienet għadha kif ħarġet mill-insolvenza, permezz tal-adozzjoni ta' pjan tal-insolvenza, u allura l-prospetti tagħha għall-ġejjieni kienu inċerti. F'dak iż-żmien, għalhekk, kellha tkun ikkunsidrata bħala intrapriża f'diffikultà. Il-Kummissjoni ddubitat kemm ir-remunerazzjoni qisitx kif xieraq ir-riskju, u konsegwentement kemm il-parteċipazzjoni siekta ngħatatx bit-termini tas-suq. Fir-rigward tal-possibbiltà ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 107(2) u (3) TFUE, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni x'turi li t-testijiet tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar 1999 kienu ġew sodisfatti.

(41) Raġuni oħra li wasslet biex jingħata bidu għall-investigazzjoni formali kienet li l-Kummissjoni, b'mod proviżjonali, kienet ikkunsidrat li l-kundizzjonijiet tal-iskema tal-għajnuna approvata li fuq il-bażi tagħha apparentement ingħataw il-garanziji lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH ma kinux fil-fatt sodisfatti, sabiex il-garanziji mogħtija kienu jmorru lil hinn mill-ambitu tal-iskema. Il-Kummissjoni kkunsidrat li fiż-żmien li ngħataw il-garanziji, Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu intrapriżi f'diffikultà. Barra dan, billi Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu intrapriżi kbar, il-garanziji kellhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni individwalment anke taħt l-iskema tal-għajnuna approvata. Fir-rigward tal-possibbiltà ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 107(2) u (3) TFUE, il-Kummissjoni ddubitat kemm it-testijiet tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar 1999 ġew sodisfatti.

## IV. KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI

(42) Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti mingħand terza parti li xtaqet tibqa' anonima; mingħand Prophete GmbH & Co. KG u Pantherwerke AG; u mingħand Vaterland-Werke GmbH & Co. KG.

### 4.1. Kompetitur li xtaq jibqa' anonimu

(43) Fil-kummenti tiegħu dwar l-għoti ta' bidu tal-investigazzjoni formali, il-kompetitur li xtaq jibqa' anonimu argumenta li minħabba l-garanzija pubblika fuq self ta' EUR 24,5 miljun, Biria AG setgħet tbigħ ir-roti lill-klijenti tal-kompetitur bi prezzijiet taħt l-ispiża tal-produzzjoni, anke jekk il-kompetitur kellu l-aktar sit tal-produzzjoni effiċjenti fil-Ġermanja f'termini ta' spejjeż.

(44) Fl-2003 Biria AG setgħet turi profitt biss peress li l-banek irrinunzjaw it-talbiet tagħhom li kienu jammontaw għal EUR 8,567 miljun. Fis-snin 2004 u 2005 li segwew, Biria AG kienet reġgħet irreġistrat telf.

(45) Barra dan, Biria kienet inbiegħet lil Lone Star permezz ta' ftehim ta' negozju dwar l-assi. B'konnessjoni ma' dan il-ftehim ta' negozju, Landesbank Sachsen u Mittelständische Beteiligungsgesellschaft Sachsen kienu probabbilment irrinunzjaw ammonti kbar ta' dejn. Il-Biria GmbH il-ġdida, li issa kienet tagħmel parti mill-grupp Lone Star, kienet ħadet l-assi kollha tal-Biria AG l-antika.

([9]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 1286 tas-27 ta' Marzu 2002, *Anstaltslast and Gewährträgerhaftung — Il-garanziji tal-Istat għall-istituzzjonijiet tal-kreditu pubbliċi fil-Ġermanja* (ĠU C 146, 19.6.2002, p. 6).

([10]) Il-miżura tal-għajnuna mill-istat Nru N 73/1993, *Il-linji gwida dwar il-garanzija tal-*Art ta' *Saxony*, SG(93) D/9273, 7 ta' Ġunju 1993.

### 4.2. **Prophete GmbH u Co. KG u Pantherwerke AG**

(46) Fil-kummenti tagħhom dwar l-għoti ta' bidu tal-investigazzjoni formali, Prophete GmbH & Co. KG u Pantherwerke AG (minn hawn 'il quddiem "Prophete" u "Pantherwerke") allegaw li l-għajnuna mill-istat ippermettiet lil Biria li tbigħ bi prezzijiet li ma jkunux sostenibbli f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Iż-żewġ kumpaniji kienu f'kompetizzjoni ma' Biria, u għalhekk kienu effettwati direttament mill-għajnuna.

(47) Huma argumentaw li l-grupp Biria kien l-akbar fabbrikant tar-roti fil-Ġermanja, bi produzzjoni annwali ta' madwar 700 000 rota. Il-kumpaniji tal-grupp Biria kienu joperaw f'żewġ segmentazzjonijiet tas-suq tar-roti, jiġifieri l-kummerċ mhux speċjalizzat u l-kummerċ bl-ingrossa speċjalizzat.

(48) Il-kummerċ mhux speċjalizzat kien jinkludi l-bejgħ bl-imnut kollu mill-katini l-kbar tal-bejjiegħa bl-imnut u n-negozju tal-bejgħ bl-ordnijiet bil-posta. Ir-roti f'din is-segmentazzjoni normalment jinbiegħu bi prezz ta' bejn il-EUR 100 u l-EUR 199. Prophete u Pantherwerke stmaw li kien hemm madwar 1,5 miljun rota li nbiegħu f'dan is-suq, u li Biria biegħet 650 000, biex ħadet sehem ta' madwar 50 % tas-segmentazzjoni.

(49) Skont Prophete u Pantherwerke, il-grupp Biria kellu pożizzjoni dominanti wkoll fis-segmentazzjoni tal-kummerċ bl-ingrossa speċjalizzat. Din is-segmentazzjoni tas-suq kellha volum ta' 150 000 sa 200 000 rota. Fil-kummerċ bl-ingrossa speċjalizzat il-prezzijiet kienu jitilgħu sal-EUR 400. F'din is-segmentazzjoni, Pantherwerke kienet kompetitur dirett ta' Biria.

(50) Prophete u Pantherwerke kienu osservaw li l-prezzijiet offruti mill-grupp Biria kienu għal snin b'mod konsistenti taħt dawk offruti minn fabbrikanti oħra. Id-differenza ma setgħetx tiġi spjegata b'fatturi ekonomiċi, peress li għalkemm il-pożizzjoni dominanti tal-grupp Biria kienet tfisser li kellu volum ta' xiri akbar, dan ma kienx isarraf f'termini aktar vantaġġużi. Prophete u Pantherwerke pprevedew li l-grupp Biria kien sofra telf sinifikanti fis-snin riċenti b'riżultat tal-prezzijiet tal-bejgħ baxxi tiegħu.

(51) Fir-rigward tal-parteċipazzjoni siekta, Prophete u Pantherwerke ddubitaw kemm, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni ekonomika ta' Bike Systems f'Marzu 2001, din il-parteċipazzjoni kienet tingħata minn investitur privat.

(52) Prophete u Pantherwerke kkunsidraw li l-garanziji mogħtija lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria fl-2003 u l-2004 ma kinux kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat. Prophete u Pantherwerke kkunsidraw li l-kumpaniji kienu f'diffikultà fiż-żmien li ngħataw il-garanziji. Biria l-ġdida kienet is-suċċessur legali taż-żewġ eks kumpaniji li minnhom ħarġet. Il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpanija l-ġdida li nħolqot ma kellhiex valur informattiv.

(53) L-għoti taż-żewġ garanziji kiser il-prinċipju ta' "darba waħda, l-aħħar darba", peress li l-kumpaniji tal-grupp Biria kien ripetutament irnexxielhom jibqgħu fin-negozju biss bl-assistenza mill-istat.

(54) Ma kienu ttieħdu l-ebda miżuri ta' kumpens biex jegħlbu l-effetti negattivi fuq il-kompetituri. Ma kien sar l-ebda attentat biex tiġi limitata l-preżenza tal-grupp Biria fis-suq. Aktar ġara bil-maqlub, il-pjan tal-grupp Biria kien li jespandi aktar in-negozju tiegħu billi jsegwi politika tal-prezzijiet aggressiva. Fuq il-paġna ewlenija tiegħu, il-grupp Biria kien ħabbar li kellu l-pjan li jżid il-bejgħ aktar mil-livell tiegħu tal-2004 billi jbiegħ 850 000 rota fl-2005. Prophete u Pantherwerke ġibdu l-attenzjoni wkoll għal stqarrija għall-istampa li skontha s-sid ta' Biria AG kien biegħ in-negozju lill-fond tal-ekwità privata, Lone Star.

### 4.3. **Vaterland-Werke GmbH & Co. KG**

(55) Fil-kummenti tagħha dwar l-għoti ta' bidu tal-investigazzjoni formali, Vaterland-Werke GmbH & Co. KG ("Vaterland-Werke") stqarret li bi produzzjoni totali ta' bejn is-700 000 u t-800 000 rota, il-grupp Biria kien l-akbar fabbrikant tar-roti fil-Ġermanja. L-uniku kumpanija komparabbli kienet MIFA Mitteldeutsche Fahrradwerke, li kellha produzzjoni annwali ta' madwar 700 000 rota; il-fabbrikanti l-oħra kienu jipproduċu biss 250 000 sa 400 000.

(56) Vaterland-Werke u Biria t-tnejn kienu joperaw fis-segmentazzjoni tal-kummerċ mhux speċjalizzat, li kien jinkludi l-katini aktar kbar tal-bejjiegħa bl-imnut u l-intrapriżi l-kbar tan-negozju tal-bejgħ bl-ordnijiet bil-posta. Il-kompetizzjoni f'din is-segmentazzjoni kienet ħarxa, u Biria kienet magħrufa bħala kompetitur aggressiv li joffri prezzijiet taħt l-ispiża tal-produzzjoni. Komportament ta' din ix-xorta kien possibbli biss b'finanzjament estern, li fil-każ ta' Biria kien ipprovdut bl-għajnuna mill-istat. Dan hedded l-eżistenza tal-kompetituri ż-żgħar kollha li ma kinux appoġġjati bl-għajnuna mill-istat. Vaterland-Werke kienet milquta b'mod partikolari, u l-kapaċità libera ma setgħetx timtela b'ordnijiet alternattivi tax-xogħol. Is-suq kien qed isofri minn kapaċità żejda, sabiex kull espansjoni tal-kapaċità ta' fabbrikant bl-għajnuna tal-għajnuna mill-istat ħalla piż fuq il-kompetituri l-oħra.

(57) Fir-rigward tal-parteċipazzjoni siekta, Vaterland-Werke iddubitat kemm, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni ekonomika ta' Bike Systems f'Marzu 2001, din il-parteċipazzjoni kienet tingħata minn investitur privat.

(58) Vaterland-Werke kkunsidrat li l-garanziji mogħtija lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria fl-2003 u l-2004 ma kinux kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat. Vaterland-Werke kkunsidrat li l-kumpaniji kienu f'diffikultà fiż-żmien li ngħataw il-garanziji. Biria l-ġdida kienet is-suċċessur legali taż-żewġ eks kumpaniji li minnhom ħarġet. Il-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tal-kumpanija l-ġdida li nħolqot ma kellhiex valur informattiv.

(59) L-għoti taż-żewġ garanziji kiser il-prinċipju ta' "darba waħda, l-aħħar darba", peress li l-kumpaniji tal-grupp Biria kien ripetutament irnexxielhom jibqgħu fin-negozju biss bl-assistenza mill-istat.

(60) Ma kienu ttieħdu l-ebda miżuri ta' kumpens biex jeghlbu l-effetti negattivi fuq il-kompetituri. Ma kien sar l-ebda attentat biex tiġi limitata l-preżenza tal-grupp Biria fis-suq. Aktar ġara bil-maqlub, il-pjan tal-grupp Biria kien li jespandi aktar in-negozju tiegħu billi jsegwi politika tal-prezzijiet aggressiva. Fuq il-paġna ewlenija tiegħu, il-grupp Biria kien ħabbar li kellu l-pjan li jżid il-bejgħ aktar mil-livell tiegħu tal-2004 billi jbigħ 850 000 rota fl-2005. Vaterland-Werke ġibdet l-attenzjoni wkoll għal stqarrija għall-istampa li skontha s-sid ta' Biria AG kien biegħ in-negozju lill-fond tal-ekwità privata, Lone Star.

### 4.4. **Ir-riċevituri**

(61) Fil-kummenti tagħhom tas-7 ta' Ġunju 2010, wara l-annullament tad-deċiżjoni oriġinali mill-Qorti Ġenerali, ir-riċevituri tal-għajnuna ssottomettew aktar informazzjoni.

(62) B'mod partikolari, huma argumentaw li meta evalwaw il-parteċipazzjoni siekta f'Bike Systems mogħtija minn gbb fl-2001 (miżura 1), il-Kummissjoni kellha tqis l-eżistenza ta' "ittra ta' konfort" (*Patronatserklärung*) ipprovduta minn Biria GmbH. Din Biria GmbH mhix l-entità legali maħluqa permezz tal-amalgamazzjoni tal-Biria AG l-antika fis-sussidjarja tagħha Sachsen Zweirad GmbH imsemmija fil-premessa 20. Il-Biria GmbH li ħarġet din l-ittra ta' konfort għal Bike Systems kienet il-predeċessur legali tal-Biria AG l-antika.

## V. **KUMMENTI MILL-ĠERMANJA**

(63) Fil-kummenti tagħha dwar l-għoti ta' bidu tal-investigazzjoni formali, il-Ġermanja argumentat li t-termini tal-parteċipazzjoni siekta pprovduta minn gbb kienu konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Il-Ġermanja qablet mal-Kummissjoni li r-riskju assoċjat mal-parteċipazzjoni siekta kien akbar mir-riskju assoċjat mas-self mill-bank konvenzjonali. Iżda t-termini tal-parteċipazzjoni siekta kienu tali li kienu konformi man-Notifika tar-Rati ta' Referenza tal-1997. Din in-notifika tgħid li r-rata tal-imgħax ta' referenza kienet rata minima li setgħet tiżdied f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari. F'dawn il-każijiet, il-primjum jista' jammonta għal 400 punti bażi jew aktar.

(64) Ir-remunerazzjoni fuq il-parteċipazzjoni siekta kienet tammonta għal 12,25 % (8,75 % fissa u 3,5 % skont il-profitti). Din kienet 600 punt bażi 'l fuq mir-rata ta' referenza tal-Kummissjoni ta' 6,33 %. gbb kienet qieset il-fatt li l-kumpanija kienet għaddejja minn proċess ta' ristrutturar, u li r-riskju li ġġorr il-parteċipazzjoni siekta kien akbar minħabba r-riorjentazzjoni tal-kumpanija u n-nuqqas ta' kollateral. Ir-riskju miżjud kien rifless fil-primjum addizzjonali ta' 200 punt bażi.

(65) Barra dan, id-deċiżjoni li tipprovdi l-parteċipazzjoni siekta ttieħdet abbażi ta' tbassir tal-iżvilupp tal-kumpanija li skontu d-dħul tagħha kellu jiżdied minn EUR 0,89 miljun fl-2001 għal EUR 3,38 miljun fl-2003. Il-Ġermanja kkonkludiet li r-remunerazzjoni ta' 12,25 % maqbula għall-parteċipazzjoni siekta kienet tirrifletti r-riskju assoċjat. Il-fatt li parti mir-remunerazzjoni kienet varjabbli ma kienx relevanti, peress li din kienet prattika normali fil-każ tal-parteċipazzjonijiet siekta u kienet konformi mal-komportament ta' investitur fl-ekonomija tas-suq.

(66) Fir-rigward tal-garanzija pprovduta għal Sachsen Zweirad GmbH, il-Ġermanja argumentat li l-kumpanija ma kinitx f'diffikultà fiż-żmien tal-garanzija, u ma kinitx turi xi sinjali tas-soltu ta' intrapriża f'diffikultà kif stipulat fil-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999. Fost affarijiet oħra, fis-sena 2003 (sal-amalgamazzjoni ma' Biria f'Ottubru) il-kapital u r-riżervi tal-kumpanija kienu pożittivi, fil-livell ta' EUR 404 miljun, u ġġenerat profitti ta' EUR 2,1 miljun. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija kienet tjiebet fl-2003 meta mqabbla mal-2001/2002, b'riżultat tal-isforzi ta' konsolidazzjoni li nbdew fl-aħħar tal-2002 u tat-titjib fis-suq.

(67) Is-sitwazzjoni tal-likwidità tal-kumpanija kienet diffiċli, iżda mhux "serja". Ma kienx hemm xi periklu li l-banek privati ma kinux se jestendu l-linji tal-kreditu tagħhom. Barra minn hekk, il-pagamenti ta' mgħax għoli ma kinux wasslu għall-problemi ta' likwidità, kif kienet sostniet il-Kummissjoni.

(68) Il-bażi tal-garanzija mogħtija għal Biria GmbH (aktar tard Biria AG) kienet il-pjan il-ġdid għall-grupp Biria, li kien jitlob simplifikazzjoni tal-organizzazzjoni tal-grupp u l-konċentrazzjoni tal-akkwist, ir-responsabbiltajiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni f'Biria GmbH. Flimkien mar-rekwiżiti finanzjarji tal-espansjoni fid-dħul, il-pjan kien jipprovdi għal riorganizzazzjoni tal-finanzjament ġenerali tal-grupp.

(69) Biria GmbH (aktar tard Biria AG) ma kinitx f'diffikultà fiż-żmien li ngħatat il-garanzija. Kellha ssir distinzjoni bejn il-Biria AG l-antika u l-ġdida. Il-kumpanija l-ġdida setgħet tiġi meqjusa bħala intrapriża f'diffikultà biss kieku wirtet id-diffikultajiet tal-kumpanija l-antika (dejjem jekk ikun assunt li l-kumpanija l-antika kienet fil-fatt f'diffikultà). Iżda l-Biria AG il-ġdida ma kinitx wirtet xi diffikultajiet bħal dawn. Il-Biria AG l-ġdida kienet ir-riżultat tal-amalgamazzjoni ta' Sachsen Zweirad GmbH u l-Biria AG l-antika. Sachsen Zweirad GmbH, li ċertament ma kinitx f'diffikultà, kienet ekonomikament dominanti fl-amalgamazzjoni. Għalhekk ma setax jiġi assunt awtomatikament li Biria AG il-ġdida kienet intrapriża f'diffikultà. Anke jekk Biria AG l-antika kienet fil-fatt f'diffikultà, l-amalgamazzjoni ma' Sachsen Zweirad GmbH kienet tfisser li Biria AG l-ġdida ma kinitx neċessarjament hekk.

(70) Il-Ġermanja argumentat li l-irtirar ta' wieħed mill-banek privati mill-finanzjament tal-kumpanija kien minħabba r-riorjentazzjoni tal-istrateġija tal-bank wara l-amalgamazzjoni. Iż-żewġ banek l-oħra waqqfu l-involviment tagħhom fl-istess żmien ta' dan il-bank privat. Madankollu, dan ma setax jidher bħala sinjal ta' nuqqas ta' fiduċja, peress li wieħed mill-banek xorta kien ipprovda finanzjament għal żewġ proġetti individwali.

(71) L-amalgamazzjoni ta' Sachsen Zweirad GmbH u Biria AG lanqas ma kienet immirata biex jinqabżu r-regoli dwar l-għajnuna mill-istat u l-klassifikar tal-kumpanija bħala intrapriża f'diffikultà: kienet il-konsegwenza ta' pjan ġdid għall-grupp.

(72) Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kummenti tal-kompetitur li xtaq jibqa' anonimu, il-Ġermanja argumentat li ċ-ċifri tal-istruttura tal-ispejjeż tal-kompetitur u tal-istruttura tal-ispejjeż ta' Biria ma kinux komparabbli. Id-dħul tal-kompetitur kien żdied filwaqt li l-bejgħ tal-grupp Biria kien naqas. Fl-istess ħin, l-EBITDA (il-qligħ qabel l-imgħax, it-taxxi, id-deprezzament u l-amortizzazzjoni) tal-kompetitur kien naqas, filwaqt li l-EBITDA tal-grupp Biria kien baqa' l-istess. Dan kien juri li Biria ma kinitx qed tbigħ bi prezzijiet tad-dumping, u li l-kompetitur kellu prezzijiet aktar aggressivi minn dawk tal-grupp Biria.

(73) Il-Ġermanja argumentat li d-dikjarazzjoni tal-kompetitur li huwa kien sofra ħsara b'riżultat tal-komportament tal-grupp Biria ma kinitx appoġġjata b'evidenza u ma kinitix ippreżentata f'manjiera koerenti. F'suq kompetittiv kien normali li kumpanija waħda tħabbat wiċċha ma' oħra li twaqqa' ferm il-prezzijiet.

(74) Fir-rigward tal-bejgħ tal-assi tal-grupp Biria lill-grupp Lone Star imsemmi mill-kompetitur, il-Ġermanja pprovdiet dettalji tal-bejgħ innifsu u tal-ħlas lura tat-talbiet tal-kredituri privati u pubbliċi.

(75) Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kummenti sottomessi minn Prophete, Pantherwerke u Vaterland-Werke, il-Ġermanja argumentat li s-suq tar-roti kien maqsum fi tliet segmentazzjonijiet, u mhux tnejn, kif allegaw dawk il-kumpaniji. It-tliet segmentazzjonijiet kienu l-kummerċ speċjalizzat, il-bejgħ bl-ordnijiet bil-posta, u s-self-service. Biria kellha pożizzjoni b'saħħitha fl-ordnijiet bil-posta, li kien aktar minħabba s-sistema ta' kunsinna fil-ħin eżatt milli tal-prezzijiet aggressivi. Fil-kummerċ tas-self-service, il-fornitur ewlieni kien MIFA AG, u s-sehem tas-suq ta' Biria kien ta' anqas minn 10 %.

(76) B'referenza għall-informazzjoni li diġà kienet ġiet sottomessa matul il-proċedimenti, il-Ġermanja ċaħdet id-dikjarazzjoni ta' Vaterland-Werke li l-grupp Biria kellu l-pjan li jespandi aktar n-negozju tiegħu permezz ta' strateġija ta' prezzijiet aggressivi. Biria AG kienet ipproduċiet 670 000 rota fl-2003, u minn dak iż-żmien il-produzzjoni baqgħet nieżla.

## VI. VALUTAZZJONI

(77) L-Artikolu 107(1) TFUE jgħid li "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz tar-riżorsi tal-Istat, li tfixkel jew li thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċertu impriżi jew il-produzzjoni ta' ċertu prodotti għandha, safejn teffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, titqies bħala għajnuna li mhix kompatibbli mas-suq komuni". Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti saħqet li l-kummerċ huwa effettwat jekk l-intrapriża riċeventi twettaq attività ekonomika li tinvolvi l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(78) Sabiex tikkunsidra jekk hemmx għajnuna mill-istat jew le, il-Kummissjoni l-ewwel tidentifika l-intrapriża rilevanti. Imbagħad tikkunsidra kull miżura individwalment u tevalwa jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE humiex sodisfatti. Imbagħad tikkalkula l-komponent tal-għajnuna, u tevalwa jekk il-miżura hijiex kompatibbli mas-suq intern.

### 6.1. L-intrapriża riċeventi

(79) L-għajnuna ngħatat lil Sachsen Zweirad GmbH, lil Biria, u lil Bike Systems, is-sussidjarja ta' Biria. Fis-7 ta' Novembru 2005 Biria biegħet il-biċċa l-kbira tal-assi tagħha lil żewġ kumpaniji li jagħmlu parti mill-grupp Lone Star, fond tal-ekwità privata. Skont l-informazzjoni pprovduta, l-assi inbiegħu wara sejħa għall-offerti miftuħa, trasparenti u mhux kondizzjonata. Il-Ġermanja tiddikjara li l-opinjoni tal-espert tat valur għall-bejgħ tal-assi ta' EUR 10,7 miljun. Il-prezz imħallas mill-grupp Lone Star kien jammonta għal EUR 11,5 miljun, li kien ogħla minn dik il-valutazzjoni.

(80) Fuq il-bażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tikkonkludi li m'hemmx evidenza li tissuġġerixxi li xi benefiċċju tal-miżuri tal-għajnuna ġie trasferit lill-grupp Lone Star sabiex il-grupp Lone Star isir ir-riċevitur dirett jew indirett tal-għajnuna mogħtija lil Biria u Bike Systems.

### 6.2. Miżura 1: Miżura allegatament bit-termini tas-suq

*Riżorsi statali u imputabbiltà lill-istat*

(81) Il-parteċipazzjoni siekta (miżura 1) ingħatat minn gbb. Il-Ġermanja ssostni li l-parteċipazzjoni kienet ipprovduta skont il-programm ta' gbb stess, u allura r-riżorsi statali ma ntużawx. Madankollu, kif indikat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni li tat bidu għall-investigazzjoni formali, fiż-żmien li ġiet ipprovduta l-parteċipazzjoni gbb kienet sussidjarja kollha kemm hi sjieda ta' Deutsche Ausgleichsbank, b'dan tal-aħħar ikun kollu kemm hu sjieda tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. gbb hija għalhekk intrapriża regolata mil-liġi pubblika. Skont il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-riżorsi kollha tal-intrapriżi pubbliċi jikkostitwixxu riżorsi tal-istat ([11]).

([11]) Ara l-Każ C-482/99 *Franza* v *Kummissjoni (Stardust Marine)* [2002] ECR I-4397, paragrafi 32 sa 43.

(82) Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, għalhekk, il-miżura hija neċessarjament imputabbli lill-istat. Fil-Każ C-482/99 *Stardust Marine*, il-paragrafi 53 sa 56, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet kif ġej:

"53. Fuq dak il-punt, ma jistax jintalab li jiġi muri, fuq il-bażi ta' inkjesta preċiża, li fil-każ partikolari l-awtoritajiet pubbliċi speċifikament inċitaw lill-intrapriża pubblika biex tieħu l-miżuri tal-għajnuna inkwistjoni. L-ewwelnett, jekk jiġi kkunsidrat il-fatt li r-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-intrapriżi pubbliċi huma qrib, hemm riskju reali li l-għajnuna mill-Istat tista' tingħata permezz tal-intermedjarju ta' dawk l-intrapriżi b'mod mhux trasparenti u fi ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat stipulati mit-Trattat.

54. Barra dan, se jkun, bħala regola ġenerali, diffiċli ħafna għal terza parti, preċiżament minħabba r-relazzjonijiet privileġġjati li jeżistu bejn l-Istat u l-intrapriża pubblika, li turi f'każ partikolari li l-miżuri tal-għajnuna meħuda minn intrapriża bħal din kienu fil-fatt adottati fuq l-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi.

55. Għal dawk ir-raġunijiet, għandu jiġi aċċettat li l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura tal-għajnuna meħuda minn intrapriża pubblika tista' tiġi inferita minn sett ta' indikaturi li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kuntest li fih ittieħdet dik il-miżura. F'dak ir-rigward, il-Qorti diġà kkunsidrat il-fatt li l-korp inkwistjoni ma setax jieħu d-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma jqis ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi (ara, b'mod partikolari, *Van der Kooy*, il-paragrafu 37) jew il-fatt li, minbarra l-fatturi ta' natura organika li kienu jorbtu l-intrapriżi pubbliċi mal-Istat, dawk l-intrapriżi, li permezz tal-intermedjarju tagħhom ingħataw l-għajnuna, kellhom iqisu d-direttivi maħruġa mill-Comitato Interministeriale per la Programmazione Economica (CIPE) (Każ C-303/88 *Italja* v *Kummissjoni*, iċċitat hawn fuq, il-paragrafi 11 u 12; Każ C-305/89 *Italja* v *Kummissjoni*, iċċitat hawn fuq, il-paragrafi 13 u 14).

56. Indikaturi oħra jistgħu, f'ċertu ċirkostanzi, jkunu rilevanti għall-konklużjoni li miżura tal-għajnuna meħuda minn intrapriża pubblika hija imputabbli lill-Istat, bħal, b'mod partikolari, l-integrazzjoni tagħha fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitajiet tagħha u l-eżerċitar ta' dawn tal-aħħar fuq is-suq b'kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni mal-operaturi privati, l-istatus legali tal-intrapriża (fis-sens li hija tkun jew soġġetta għal-liġi pubblika jew għal-liġi ordinarja tal-kumpaniji), l-intensità tas-superviżjoni eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq l-amministrazzjoni tal-intrapriża, jew kull indikatur ieħor li juri, fil-każ partikolari, l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura jew in-nuqqas tal-probabbiltà tal-involviment tagħhom, billi jiġi kkunsidrat ukoll id-daqs tal-miżura, il-kontenut tagħha jew il-kundizzjonijiet li tinkludi."

(83) Fil-każ attwali, il-Kummissjoni sabet indikaturi ta' din ix-xorta li jippermettulha tikkonkludi li d-deċiżjoni meħuda minn gbb hija imputabbli lill-istat.

(84) gbb kienet fdata mill-Gvern Federali b'responsabbiltajiet għall-iżvilupp: per eżempju, kienet responsabbli mill-Fond għall-Konsolidament u t-Tkabbir tal-Ġermanja tal-Lvant (*Konsolidierungs- und Wachstumsfonds Ostdeutschland*), li l-għan tiegħu kien li jipprovdi kapital ta' ekwità lill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju fil-Ġermanja tal-Lvant sabiex tissaħħaħ il-bażi tal-kapital tagħhom.

(85) It-tieni, l-istorja ta' gbb tindika li l-istat kien involut mill-qrib fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha. L-ewwel, bħala korporazzjoni regolata mil-liġi pubblika, kienet taħt is-superviżjoni tal-ministeru responsabbli, u l-awtoritajiet kienu rappreżentati fuq il-bord superviżorju tagħha. Minn mindu saret kumpanija b'responsabbiltà limitata, l-entità possedenti tagħha, Deutsche Ausgleichsbank, kienet sorveljata mill-ministeru responsabbli, u l-bord superviżorju tagħha kien iddominat minn rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi.

(86) It-tielet, fiż-żmien id-deċiżjoni li tiġi pprovduta l-parteċipazzjoni, il-kumpanija possedenti ta' gbb, Deutsche Ausgleichsbank, kienet korporazzjoni regolata mil-liġi pubblika, taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, bil-bord superviżorju ddominat minn rappreżentanti tal-ministeri federali u tal-*Land* u membri tal-Bundestag. Deutsche Ausgleichsbank mhux permess li jieħu interessi f'intrapriżi oħra mingħajr il-kunsens minn qabel kemm tal-ministeru superviżorju kif ukoll tal-bord superviżorju tiegħu stess. Għalhekk, anke wara li gbb ġiet maqluba minn korporazzjoni regolata mil-liġi pubblika f'kumpanija b'responsabbiltà limitata, l-istat żamm kontroll fuq id-deċiżjonijiet tan-negozju tagħha permezz tal-kumpanija possedenti tagħha.

(87) Ir-raba', fl-2002 il-Ġermanja aċċettat miżuri xierqa fir-rigward tal-banek għall-iżvilupp Ġermaniżi ([12]). Dawn il-miżuri xierqa japplikaw ukoll għal Deutsche Ausgleichsbank. Il-miżuri xierqa jillimitaw l-attivitajiet ta' Deutsche Ausgleichsbank għall-appoġġ tal-politiki strutturali, ekonomiċi u soċjali u l-funzjonijiet pubbliċi tas-sidien tagħha tal-liġi pubblika skont il-mandat pubbliku tagħha. Il-Kummissjoni tikkonsidra li dan jagħmel lil Deutsche Ausgleichsbank parti mill-amministrazzjoni pubblika, sabiex l-azzjonijiet kollha tiegħu ikunu imputabbli lill-istat.

(88) Il-ħames, l-għoti tal-parteċipazzjoni siekta tidher li taqa' fi ħdan l-għan tal-iżvilupp tal-finanzjament tal-SMEs ta' Deutsche Ausgleichsbank ([13]).

(89) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura hija imputabbli lill-istat.

([12]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 9. Id-deċiżjoni tistabbilixxi li Deutsche Ausgleichsbank hija parti mill-amministrazzjoni pubblika.
([13]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 9: miżuri xierqa, p. 11, punt (a).

*Vantaġġ selettiv mogħti lill-intrapriża waħda*

(90) Skont il-Ġermanja, il-parteċipazzjoni siekta li gbb tat lil Bike Systems (miżura 1) kienet ipprovduta bit-termini tas-suq. Ir-riskju li ġġorr din il-parteċipazzjoni siekta huwa komparabbli għal dak li jġorr is-self subordinat, biex b'hekk il-parteċipazzjoni siekta għandha tiġi trattata bħal self li jġorr riskju għoli. Fil-każ ta' insolvenza jew likwidazzjoni, il-parteċipazzjoni siekta titħallas lura biss wara li l-obbligazzjonijiet l-oħra kollha jiġu onorati. Ir-riskju assoċjat mal-parteċipazzjoni għalhekk jeċċedi r-riskju li jġorr is-self konvenzjonali għall-investiment, li normalment ikun assigurat bit-termini mitluba mill-bank. Fiż-żmien l-akkwist, il-livell medju tar-rati tal-imgħax li kienu qed jiġu imposti fis-suq fuq self għal żmien medju jew fit-tul assigurat bis-sigurtà abitwali kien ta' 6,33 %. Ir-remunerazzjoni li għandha titħallas għal parteċipazzjoni ta' din ix-xorta għandha teċċedi b'mod sinifikanti dik ir-rata.

(91) Il-parteċipazzjoni kellha remunerazzjoni fissa ta' 8,75 % b'żieda tar-remunerazzjoni varjabbli ta' 3,5 % li tiddependi fuq il-profitti li jkunu saru ([14]). Ir-remunerazzjoni maqbula hija konsegwentement aktar mir-rata ta' referenza.

(92) Għandu jiġi nnutat, madankollu, li dan ir-raġunar jassumi li Bike Systems jirnexxielha terġa' lura għall-profitabbiltà: iżda Bike Systems kienet għadha kif ħarġet mill-insolvenza, u dan biss b'riżultat tal-adozzjoni ta' pjan tal-insolvenza. Il-prospetti għall-ġejjieni tagħha kienu inċerti, peress li kien hemm biss ristrutturar limitat fl-operazzjonijiet tagħha. Skont ir-rapport annwali tal-kumpanija għall-2001, hija kompliet tagħmel it-telf matul dik is-sena. Iċ-ċifra tal-ekwità tagħha kompliet tkun negattiva, għalkemm minħabba riżervi moħbija dan ma skattax l-insolvenza. F'dak iż-żmien, għalhekk, Bike Systems kellha tkun ikkunsidrata bħala intrapriża f'diffikultà.

(93) Fiż-żmien l-ewwel Deċiżjoni l-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni rigward l-ittra ta' konfort (ara l-premessa 62 hawn fuq). Il-kliem tal-ittra ta' konfort ġie sottomess biss matul il-proċedimenti tal-qorti.

(94) Fl-ittra ta' konfort, datata 6 ta' Marzu 2001, Biria GmbH tinnota l-parteċipazzjoni siekta, u timpenja ruħha li tiżgura li għat-tul ta' żmien tal-parteċipazzjoni, Bike Systems tkun amministrata u ffinanzjata b'mod li tkun tista' tissodisfa l-obbligi tagħha fir-rigward tal-parteċipazzjoni.

(95) Il-Kummissjoni tagħmel dawn l-osservazzjonijiet li ġejjin.

(96) Fir-rigward tas-saħħa finanzjarja tal-kumpanija possedenti li ħarġet l-ittra ta' konfort, il-Ġermanja ddikjarat li fl-2001 id-dħul ta' Biria GmbH kien negliġibbli: kienet qed taġixxi biss bħala distributur għal diviżjonijiet oħra tal-grupp ([15]). Fir-rigward tal-prestazzjoni finanzjarja, il-kumpanija wriet profitt wara t-taxxa modest ta' DEM 205 000 fl-1999, u telf nett ta' DEM 473 000 fl-2000 ([16]).

(97) Minħabba t-telf fil-passat tal-kumpanija, l-ekwità tagħha kienet negattiva fl-1999. Din saret pożittiva fl-2000, iżda dan ma kienx riżultat tal-prestazzjoni tagħha stess iżda tat-trasferiment tal-profitti mis-sussidjarja tagħha Sachsen Zweirad ([17]). Il-Kummissjoni tinnota li l-ittra ta' konfort inħarġet mhux minn kumpanija fi ħdan il-grupp li qed tgawdi pożizzjoni finanzjarja soda iżda minn kumpanija possedenti li kellha prestazzjoni anqas tajba.

(98) Irrispettivament minn jekk Biria GmbH kellhiex tiġi kkunsidrata formalment bħala intrapriża f'diffikultà skont it-tifsira tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999, għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li Biria GmbH kellha l-kapaċità li tissodisfa t-talbiet potenzjali ġejjin mill-ittra ta' konfort li tkopri l-parteċipazzjoni siekta, li kienu jammontaw għal aktar minn EUR 2 miljun. Kif diġà ġie msemmi, il-profitti tagħha skont il-kotba fl-2000 (qabel ma nħarġet l-ittra ta' konfort) kienu fil-fatt riżultat biss tat-trasferiment tal-profitti minn sussidjarja, u mhux riżultat tal-prestazzjoni ekonomika tagħha stess, u mingħajr dan it-trasferiment tal-profitti kien ikollha ekwità negattiva (inkluż il-kapital sottoskritt u forom oħra bħal riżervi jew flus kontanti fil-karta tal-bilanċ). Huwa għalhekk diskutibbli kif Biria GmbH setgħet tipprevjeni l-possibbiltà tal-insolvenza ta' Bike Systems. Konsegwentement, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ittra ta' konfort m'għandha l-ebda valur ekonomiku reali li jista' jpaċi d-diffikultajiet ta' Bike Systems, u għalhekk ma tikkostitwixxix kollateral ta' valur li jnaqqas ir-remunerazzjoni li investitur fis-suq kieku kien ifittex għall-parteċipazzjoni siekta.

(99) Il-Kummissjoni tikkonkludi li r-remunerazzjoni ma kinitx ekwivalenti għar-riskju, u konsegwentement li l-parteċipazzjoni ma kinitx ipprovduta bit-termini tas-suq. Il-parteċipazzjoni għalhekk tat vantaġġ lil Bike Systems li ma setgħetx kieku takkwista mis-suq.

*Tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

(100) Bike Systems, Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu fabbrikanti tar-roti. Billi dan il-prodott jiġi nnegozjat bejn il-fruntieri, il-miżuri jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni u jeffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

([14]) Jekk il-kumpanija tagħmel telf, ir-remunerazzjoni ma titħallasx. Fil-każ ta' telf jew jekk il-profitti ma jkunux biżżejjed, ir-remunerazzjoni varjabbli kellha titħallas is-sena ta' wara.

([15]) Barra dan, skont id-dokumenti sottomessi mill-Ġermanja, Biria GmbH kienet timpjega persunal ta' 13 fl-1999 u 21 fl-2000.

([16]) Billi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni siekta kienu fissi fiż-żmien li ġiet ipprovduta, l-istatus finanzjarju tal-emittent tal-ittra ta' konfort għandu jiġi evalwat kif kien fiż-żmien li nħarġet l-ittra ta' konfort, anke minkejja li l-ittra kienet tkopri ż-żmien kollu tal-parteċipazzjoni.

([17]) It-trasferimenti tal-profitt minn Sachsen Zweirad GmbH kienu jammontaw għal madwar DEM 2.4 miljun fl-1999 u DEM 3.4 miljun fl-2000.

### 6.3. **Miżuri 2 u 3: Għajnuna apparentement fl-ambitu tal-iskemi tal-għajnuna approvati**

*Il-garanziji jmorru lil hinn mill-ambitu tal-iskemi tal-għajnuna eżistenti*

(101) Il-garanzija mogħtija fuq is-self ta' kapital li jdur lil Sachsen Zweirad GmbH li tammonta għal EUR 5,6 miljun (miżura 2) u l-garanzija mogħtija fuq is-self ta' kapital li jdur lil Biria li tammonta għal EUR 24 875 miljun (miżura 3) ingħataw fuq il-bażi tal-iskema tal-garanziji fuq is-self tal-*Land* ta' Saxony ([18]). Din hija skema tal-għajnuna approvata li tippermetti li jingħataw il-garanziji fuq self ta' aktar minn DEM 5 miljun (EUR 2,6 miljun) lill-kumpaniji b'saħħithom għall-finanzjament ta' investiment ġdid, u f'każijiet speċjali għall-finanzjament supplimentari tal-investiment u l-kapital li jdur. F'każijiet eċċezzjonali l-iskema tippermetti wkoll l-finanzjament tar-riorganizzazzjoni u r-ristrutturar. Iżda kull garanzija mogħtija lill-intrapriża kbira għall-finijiet tar-ristrutturar għandha tiġi notifikata lill-Kummissjoni individwalment.

(102) Skont il-Ġermanja, il-kundizzjonijiet tal-iskema ġew sodisfatti, u għalhekk il-garanziji ngħataw skont l-iskema. Il-Ġermanja tikkunsidra li fiż-żmien li ngħataw il-garanziji, Sachsen Zweirad GmbH u Biria ma kinux f'diffikultà. Il-garanziji ngħataw biex jiġi assigurat is-self fuq il-kapital li jdur, u dan kien permess mill-iskema.

(103) Il-Kummissjoni ma taqbilx li l-garanziji kienu skont l-iskema tal-għajnuna li fuq il-bażi tagħha apparentement ġew mogħtija. Kif se jiġi spjegat f'aktar dettall hawn taħt, il-Kummissjoni, għall-kuntrarju tal-opinjoni tal-Ġermanja, tikkunsidra li meta Sachsen Zweirad GmbH ingħatat il-garanzija f'Marzu 2003 kienet intrapriża f'diffikultà, u li meta Biria GmbH ingħatat il-garanzija f'Diċembru 2003 hija wkoll kienet intrapriża f'diffikultà. Kull garanzija mogħtija lill-intrapriża f'diffikultà għall-finijiet tar-ristrutturar għandha tiġi notifikata individwalment.

*Garanzija għal Sachsen Zweirad GmbH (miżura 2)*

(104) Il-Ġermanja targumenta li Sachsen Zweirad GmbH ma wriet l-ebda mis-sinjali tas-soltu ta' intrapriża f'diffikultà elenkati fil-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999. Il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sinjali tas-soltu ta' intrapriża f'diffikultà stipulati f'punt 6 tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999 huma intenzjonati biss li jagħtu indikazzjoni ta' meta l-kumpanija tista' tiġi kkunsidrata li hija f'diffikultà, u mhux bilfors ikunu kollha preżenti fl-istess ħin. Sachsen Zweirad GmbH għamlet telf ta' EUR 1 274 000 fuq l-operazzjonijiet ordinarji tagħha fl-2001, u telf ta' EUR 733 000 fl-2002. It-telf kienet assumietu l-kumpanija possedenti, Biria, skont kuntratt eżistenti għat-trasferiment tal-profitti u t-telf annwali (*Ergebnisabführungsvertrag*). Id-dħul naqas fl-2002 minn dak li kien fl-2001, kif għamlet l-istess il-likwidità.

(105) Skont ir-rapport annwali tal-2002, Sachsen Zweirad GmbH ukoll iffaċċjat problemi ta' likwidità. Huwa ddikjarat b'mod espliċitu fir-rapport annwali li l-pożizzjoni tal-likwidità ta' Sachsen Zweirad GmbH kienet waħda stretta, dan minħabba l-infiq qawwi fil-finanzjament bil-quddiem tal-inventarju u t-tkabbir tal-grupp. Skont ir-rapport annwali, is-sopravivenza tal-kumpanija setgħet tiġi żgurata biss jekk il-banek jaqblu li jżommu l-linji tal-kreditu eżistenti jew jirristrutturawhom.

(106) Il-Ġermanja targumenta li qatt ma kien hemm xi periklu li l-banek ma kinux se jtawlu l-linji tal-kreditu tagħhom. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan ma jinvalidax id-dikjarazzjoni li s-sitwazzjoni tal-likwidità tal-kumpanija kienet waħda stretta. Skont ir-rapport annwali, il-biċċa l-kbira tal-kreditu kien għad baqalu tul ta' żmien ta' anqas minn ħames snin, li huwa forma mhux ideali ta' ffinanzjar għan-negozju, u jżid ir-riskju tal-kumpanija. In-natura ta' żmien qasir tal-kreditu wasslet ukoll għal pagamenti ta' imgħax għoli (għalkemm il-pagamenti naqsu xi ftit fl-2002 meta mqabbla mal-2001), u dan qiegħed aktar piż fuq il-pożizzjoni tal-likwidità tal-kumpanija.

(107) Il-Kummissjoni tikkonkludi li fiż-żmien li ngħatat il-garanzija, Sachsen Zweirad GmbH kienet intrapriża f'diffikultà, u l-garanzija għalhekk għandha tiġi kkunsidrata bħala garanzija għar-ristrutturar. L-għoti ta' din il-garanzija għal intrapriża kbira għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni individwalment, sabiex il-kundizzjonijiet tal-iskema tal-għajnuna approvata li fuq il-bażi tagħha apparentement ingħatat il-garanzija ma kinux ġew sodisfatti, u l-garanzija kienet lil hinn mill-ambitu tal-iskema.

*Garanzija għal Biria GmbH (miżura 3)*

(108) Biria nħolqot b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2003 bl-amalgamazzjoni ta' Biria AG l-antika fis-sussidjarja tagħha Sachsen Zweirad GmbH.

(109) Skont il-Ġermanja, Biria għandha tkun distinta b'mod ċar minn Biria AG l-antika u minn Sachsen Zweirad GmbH, peress li l-amalgamazzjoni ħolqot kumpanija ġdida. Il-mistoqsija dwar jekk din il-kumpanija kinitx f'diffikultà fiż-żmien li ngħatat il-garanzija, fid-9 ta' Diċembru 2004, għandha għalhekk tiġi evalwata b'referenza għall-karta tal-bilanċ tal-kumpanija l-ġdida amalgamata. Skont il-Ġermanja, din il-karta tal-bilanċ turi li Biria GmbH ma setgħetx tiġi meqjusa bħala intrapriża f'diffikultà.

(110) Il-Kummissjoni ma taċċettax dan ir-raġunament. Hija tikkunsidra li Biria GmbH il-ġdida amalgamata ma tistax titqies f'iżolament minn Biria AG l-antika u Sachsen Zweirad GmbH, peress li nħolqot bl-amalgamazzjoni taż-żewġ kumpaniji. Inkella jkun faċli li tiġi maqbuża d-definizzjoni ta' intrapriża f'diffikultà bl-amalgamazzjoni ta' entitajiet jew bl-istabbiliment ta' oħrajn ġodda. Biria AG l-antika sofriet telf u problemi ta' likwidità fl-2002, kif għamlet ukoll Sachsen Zweirad GmbH. Biria GmbH wirtet id-dejn u l-obbligazzjonijiet kollha ta' Biria AG l-antika u ta' Sachsen Zweirad GmbH. Biria GmbH kellha s-sjieda tal-istess assi u kompliet bl-istess negozju ta' Biria

([18]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 10.

AG l-antika u Sachsen Zweirad GmbH. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li Biria GmbH wirtet id-diffikultajiet ta' Biria AG l-antika u ta' Sachsen Zweirad GmbH.

(111) Il-Ġermanja ssostni li Sachsen Zweirad GmbH iddominat l-amalgamazzjoni. Skont il-Ġermanja, Sachsen Zweirad GmbH ma kinitx f'diffikultà, u għalhekk ma jistax jiġi assunt awtomatikament li Biria GmbH il-ġdida kienet f'diffikultà. Kuntrarju għall-opinjoni tal-Ġermanja, madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li Sachsen Zweirad GmbH kienet fil-fatt intrapriża f'diffikultà. Konsegwentement, Biria GmbH il-ġdida wirtet ukoll id-diffikultajiet ta' Sachsen Zweirad GmbH.

(112) Skont ir-rapport annwali tiegħu tal-2003, il-grupp Biria kompla bil-proċess tar-ristrutturar u r-riorganizzazzjoni tiegħu matul dik is-sena. Dan il-proċess kien inbeda fl-2002, u kien jinkludi r-riorganizzazzjoni tal-finanjament tal-grupp. Fuq il-bażi tal-garanzija mogħtija mil-*Land* ta' Saxony fuq is-self ta' EUR 24,875 miljun, il-grupp Biria fassal pjan ġdid għall-iffinanzjar tan-negozju tiegħu għal żmien medju. Il-pjan il-ġdid tal-iffinanzjar ipprovda għal aġġustament sinifikanti fir-rati tal-imgħax li kien qed iħallas, u għalhekk tnaqqis tal-piż kbir tal-imgħax li kien qed iġorr.

(113) Fl-istess żmien, ġie riorganizzat il-grupp ta' banek: tliet banek ftiehmu li jirrinunzjaw pretenzjonijiet li kienu jlaħħqu EUR 8 567 000, ammont li jidher li kien jirrappreżenta ħafna aktar minn 50 % tal-pretenzjonijiet totali tagħhom; bi tpattija, kellhom jirċievu fidi mmedjat tal-krediti li kien fadal. Konsegwentement, is-self kopert mit-80 % garanzija taħt miżura 3 jikkonsisti fi EUR 8 miljun biex jitħallas lura self għal kapital li jdur, EUR 7,45 miljun f'forma ta' ħlas bil-quddiem fuq kont kurrenti, u EUR 9,425 miljun għal ħtiġiet ta' finanzjament staġjonali.

(114) Fiż-żmien meta ngħatat il-garanzija, għalhekk, Biria kellha problemi ta' likwidità, u kienet għalhekk intrapriża f'diffikultà. Din il-valutazzjoni hija kkonfermata mill-fatt li tliet banek irtiraw mill-finanzjament tal-attivitajiet ta' Biria u saħansitra qablu li jirrinunzjaw parti kbira tal-pretenzjonijiet tagħhom biex bi tpattija jirċievu fidi mmedjat tal-krediti li kien fadlilhom. Dan juri li l-banek kellhom dubji serji dwar jekk Biria kinitx kapaċi tlaħħaq mad-djun tagħha, u għalhekk jekk kinitx kumpanija vijabbli.

(115) Il-Ġermanja targumenta li l-banek irtiraw biss minħabba r-riorjentazzjoni fl-istrateġija kummerċjali tagħhom. Il-Kummissjoni tinnota li l-banek qablu li jirrinunzjaw għal probabbilment madwar 50 % tal-pretenzjonijiet tagħhom. Anke jekk il-banek irtiraw minħabba riorjentazzjoni fl-istrateġija tagħhom, dan ir-rinunzjament huwa sinjal li l-banek dehrilhom li x'aktarx ma kinux se jirkupraw l-ammont sħiħ tas-self.

(116) Il-Kummissjoni tikkonkludi li fiż-żmien li ngħatat il-garanzija, Biria kienet intrapriża f'diffikultà, u li l-garanzija għandha konsegwentement tiġi kkunsidrata bħala garanzija għar-ristrutturar. L-għoti ta' dawn il-garanziji għal intrapriżi kbar għandu jiġu notifikat lill-Kummissjoni individwalment, u fiż-żmien meta ngħatat il-garanzija, Biria kienet intrapriża kbira, u b'hekk il-kundizzjonijiet tal-iskema tal-għajnuna approvata, li fuq il-bażi tagħhom apparentement ingħatat il-garanzija, ma kinux ġew sodisfatti, u l-garanzija kienet lil hinn mill-ambitu tal-iskema.

*Vantaġġ mogħti mill-garanziji*

(117) Il-garanziji f'miżuri 2 u 3 ingħataw mil-*Land* ta' Saxony; konsegwentement dawn ġew ipprovduti mir-riżorsi tal-istat u huma imputabbli lill-istat.

(118) Il-miżura tal-għajnuna mill-istat għandha tagħti vantaġġ lir-riċevitur. Il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żewġ garanziji taw vantaġġ mhux xieraq lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH (aktar tard Biria AG).

(119) Għar-raġunijiet stipulati fin-Notifika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (minn hawn 'il quddiem "in-Notifika tal-Garanziji"), il-punti 2.2 u 3.2 ([19]), min jissellef u ma jħallasx il-prezz tas-suq għall-garanzija jkun qed jikseb vantaġġ. F'xi każijiet, intrapriża f'diffikultà finanzjarja ma ssibx istituzzjoni finanzjarja lesta li ssellifha mingħajr garanzija tal-istat.

(120) F'dan il-każ inkwistjoni, is-self lill-intrapriża f'diffikultà kien garantit, u l-garanti — l-istat — ma rċeviex primjum fuq termini kummerċjali.

(121) F'punt 3.2 tan-Notifika tal-Garanziji, il-Kummissjoni tistipula erba' testijiet li flimkien huma biżżejjed biex jeliminaw il-possibbiltà li l-garanzija jista' jkun fiha l-għajnuna mill-istat:

1. min jissellef mhux qiegħed f'diffikultà finanzjarja;

2. il-firxa tal-garanzija tista' titkejjel b'mod xieraq meta tingħata;

3. il-garanzija ma tkoprix aktar minn 80 % tas-self attwat;

4. jitħallas prezz favur is-suq għall-garanzija.

(122) Il-Kummissjoni applikat dawn it-testijiet fil-każ inkwistjoni, u ssib, l-ewwelnett, li fiż-żmien li ngħatat il-garanzija, Sachsen Zweirad GmbH u Biria kienu f'diffikultà finanzjarja.

(123) L-ebda primjums ma ġew imposti għall-garanziji, u ngħataw fuq self lill-intrapriża f'diffikultà. Il-fatt biss li ma sar l-ebda ħlas kummerċjali ordinarju għall-garanziji jindika li l-miżuri taw vantaġġ lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria. Fis-suq kummerċjali tal-banek il-garanziji ma jistgħux jinkisbu mingħajr primjum kummerċjali. Dan huwa kollu aktar minnu fil-każ ta' garanziji mogħtija lill-intrapriżi f'diffikultà, li jistgħu ma jkunux f'qagħda li jħallsu lura.

([19]) ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

(124) Wara r-raġunament stipulat fin-Notifika tal-Garanziji, għalhekk, il-garanziji jikkostitwixxu għajnuna mill-istat.

(125) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-garanziji taw vantaġġ lil Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH (aktar tard Biria AG) peress li kieku l-ebda waħda minnhom ma setgħet tikseb garanzija fuq l-istess termini mis-suq.

*Tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

(126) Għar-raġunijiet imsemmija fil-premessa 100, il-miżuri 2 u 3 huma responsabbli għat-tfixkil tal-kompetizzjoni u jeffettwaw il-kummerċ.

### 6.4. **Konklużjonijiet dwar il-preżenza tal-għajnuna mill-istat**

(127) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-parteċipazzjoni siekta u ż-żewġ garanziji jikkostitwixxu għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, u li l-garanziji ma ngħatawx skont l-iskema tal-għajnuna approvata. Il-miżuri 1, 2 u 3 għalhekk jikkostitwixxu għajnuna ġdida, li għandha tiġi vvalutata bħala tali.

### 6.5. **Il-kalkolu tal-komponent tal-għajnuna**

(128) Il-punt 4.1 tan-Notifika tal-Garanziji jgħid li "Fejn garanzija individwali jew skema ta' garanziji ma jikkonformawx mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq, dawn jitqiesu li jinkludu l-għajnuna mill-Istat. L-element tal-għajnuna mill-Istat għalhekk jeħtieġ li jiġi kkwantifikat sabiex jiġi kkontrollat jekk l-għajnuna tistax tinstab kompatibbli skont xi eżenzjoni speċifika ta' għajnuna mill-Istat." Qabel ma jitqies jekk l-għajnuna hijiex kompatibbli, għalhekk, il-Kummissjoni teħtieġ tikkwantifika l-element tal-għajnuna.

(129) Il-Kummissjoni stipulat il-prinċipji ġenerali għall-kalkolu tal-element tal-għajnuna f'garanzija fin-Notifika tal-Garanziji.

(130) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-komponent tal-għajnuna f'garanzija mill-istat jista' bħala prinċipju jammonta għall-valur kollu tas-self sottostanti, jekk ir-riċevitur waħdu m'għandux aċċess għas-swieq finanzjarji (Notifika tal-Garanziji, il-punti 2.2 u 4.1(a)).

(131) Ir-regoli għall-kalkolu tal-komponent tal-għajnuna huma stipulati fin-Notifika tal-Garanziji f'punti 4.1 (Ġenerali), 4.2 (L-element tal-għajnuna f'garanziji individwali) u 4.4 (L-element tal-għajnuna fl-iskemi tal-garanziji). F'dak li jsegwi l-Kummissjoni se tapplika dawn ir-regoli għall-każ inkwistjoni.

(132) Il-punt 4.2 tan-Notifika tal-Garanziji jgħid li fin-nuqqas ta' primjum tas-suq komparabbli, għandu jsir paragun bejn l-ispejjeż totali tal-iffinanzjar ta' self mis-suq b'garanzija u mingħajrha (jiġifieri r-rata tal-imgħax fuq self simili mingħajr garanzija għandha tiġi mqabbla mat-total tar-rata tal-imgħax u l-primjum tal-garanzija għas-self bil-garanzija).

(133) F'ħafna każijiet, din ir-rata tal-imgħax tas-suq ma tkunx disponibbli. Fin-notifiki tagħha dwar il-metodu tal-issettjar tar-rati ta' referenza u ta' skont, għalhekk, il-Kummissjoni żviluppat metodoloġija li, għar-raġunijiet stipulati fil-punt 4.2 tan-Notifika tal-Garanziji, tista' tintuża bħala approssimazzjoni għar-rata tal-imgħax tas-suq.

(134) Skont in-Notifika dwar ir-Rati ta' Referenza tal-1997 il-Kummissjoni tistipula r-rati ta' referenza li huma intenzjonati li jirriflettu l-livell medju tar-rati tal-imgħax imposti fis-suq fuq self għal żmien medju u fit-tul sostnut minn sigurtà normali. In-Notifika dwar ir-Rati ta' Referenza tal-1997 tinnota wkoll li r-rata ta' referenza hekk iddeterminata hija rata minima li tista' tiżdied f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari (per eżempju, fil-każ ta' intrapriża f'diffikultà, jew meta s-sigurtà normalment mitluba mill-banek ma tiġix ipprovduta). F'dawn il-każijiet, il-primjum jista' jammonta għal 400 punti bażi jew aktar. In-Notifika dwar ir-Rati ta' Referenza tal-1997 ma tispjegax jekk il-primjums tar-riskju għar-riskji differenti jistgħux jingħaddu flimkien. Il-kombinament ta' din ix-xorta mhux eskluż, imma fid-deċiżjoni tagħha l-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-metodu wżat biex tgħaqqad il-primjums tar-riskju differenti billi tirreferi għall-analiżi tal-prattika tas-swieq finanzjarji ([20]).

(135) Fl-2004 l-awdituri Deloitte & Touche GmbH wettqu studju għad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem "l-istudju") ([21]). Fuq il-bażi tar-riċerka empirika, l-istudju fost affarijiet oħra identifika l-primjums tar-riskju osservabbli fis-suq għall-intrapriżi f'kategoriji differenti u għal tranżazzjonijiet b'kollateral differenti. L-istudju juri biċ-ċar li l-kombinament tad-dimensjonijiet differenti tar-riskju (bħall-affidabbiltà kreditizja ta' min jissellef jew il-kollateral ipprovdut) jista' jiġi rifless f'marġnijiet differenzjati li għandhom jiżdiedu mar-rata bażi.

(136) Fuq il-bażi tal-istudju, il-Kummissjoni rfinat aktar l-approċċ tagħha lejn il-kalkolu tal-komponent tal-għajnuna fis-self f'Komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu għall-issettjar tar-rati ta' referenza u ta' skont (2008, minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008") ([22]). Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008 tirrifletti l-approċċ adottat fl-istudju: tittieħed rata bażi u jiġu applikati l-primjums għall-affidabbiltà kreditizja u l-kollateral.

([20]) Ara l-Każi Konġunti T-102/07 u T-120/07 *Freistaat Sachsen, MB Immobilien Verwaltungs GmbH u MB System GmbH* v *Kummissjoni*, li għadhom mhux irrapportati, il-paragrafi 218-222.

([21]) Deloitte & Touche GmbH Wirtschaftsprüfungsgesellschaft, *Studju fir-rigward tal-aġġornar tar-rati tal-imgħax ta' referenza applikati fil-kontroll tal-għajnuna mill-Istat fl-UE*, Ottubru 2004: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/studies_reports/full_report.pdf

([22]) ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6.

(137) Barra dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-determinazzjoni tal-komponent tal-għajnuna fil-miżuri li għandhom jiġi vvalutati hija marbuta mal-kunċett tal-għajnuna mill-istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-kwistjoni dwar jekk miżura tal-għajnuna tikkostitwixxix għajnuna mill-istat għandha tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' fatturi oġġettivi li għandhom jiġu eżaminati fid-data li fiha l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha ([23]).

(138) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-bażi xierqa għad-determinazzjoni tal-komponent tal-għajnuna hija l-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008, u f'dan li se jsegwi se tagħmel il-valutazzjoni tagħha fid-dawl ta' dik il-Komunikazzjoni.

*Il-komponent tal-għajnuna fil-miżura 1*

(139) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-komponent tal-għajnuna fil-parteċipazzjoni siekta huwa d-differenza bejn ir-remunerazzjoni li Bike Systems kien ikollha tħallas għall-parteċipazzjoni fis-suq u r-remunerazzjoni li attwalment ħallset. Billi Bike Systems kienet f'diffikultà fiż-żmien li ġiet ipprovduta l-parteċipazzjoni siekta, u r-riskju relatat kien għoli, il-komponent tal-għajnuna jista' jammonta għall-ammont sħiħ tal-parteċipazzjoni, għaliex jista' jkun li l-ebda investitur fl-ekonomija tas-suq ma kien qatt se jipprovdiha ([24]).

(140) Il-Kummissjoni tikkunsidra li din il-parteċipazzjoni siekta mhijiex self, iżda hija madankollu mqabbla ma' self b'riskju għoli, peress li fil-każ ta' insolvenza hija subordinata għat-talbiet l-oħra kollha, inkluż is-self subordinat.

(141) Kif spjegat fil-premessa 92, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sitwazzjoni ta' Bike Systems, li kienet għadha kif ħarġet mill-proċedimenti tal-insolvenza, kellha tkun ikkunsidrata bħala waħda dgħajfa. Il-prospetti għall-ġejjieni tagħha kienu inċerti, għax kien hemm biss ristrutturar limitat fl-operazzjonijiet tagħha. Kif innutat fil-premessa 92, għalhekk, il-kumpanija kellha tiġi kkunsidrata bħala intrapriża f'diffikultà. Barra dan, l-ebda kollateral ma ġie pprovdut għall-parteċipazzjoni siekta, li kompla jżid ir-riskju ta' inadempiment. Il-Kummissjoni konsegwentement ikkunsidrat li l-garanzija għandha tiġi kkunsidrata bħala tranżazzjoni b'sigurtà "baxxa" skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008. Mhux biss hemm nuqqas ta' kollateral, iżda fil-każ ta' insolvenza, il-parteċipazzjoni hija wkoll subordinata għas-self l-ieħor kollu, li jkompli jżid ir-riskju ta' inadempiment aktar u aktar. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan għandu jiġi ttrattat bħala fattur ta' riskju addizzjonali man-nuqqas tal-kollateral: is-sigurtà baxxa żżid ir-riskju li jekk min jissellef isir insolventi ma jkunx possibbli li tiġi sodisfatta t-talba tal-kreditur direttament mill-bejgħ tas-sigurtà, iżda l-grad baxx tat-talba jfisser li fil-każ ta' insolvenza l-kreditur ikun jista' jikseb is-sodisfazzjon biss wara l-kredituri l-oħra, u għalhekk probabbilment ma jirkupra xejn.

(142) Il-Kummissjoni tikkunsidra li billi fiż-żmien li ttieħdet il-miżura, Bike Systems kienet f'diffikultà, għandha tiġi kklassifikata fil-kategorija tal-kreditu "ħażin". Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008 tistipula li għall-kumpaniji f'din il-kategorija b'kollateral baxx, il-marġni li jelimina l-preżenza tal-għajnuna mill-istat jista' jkun għoli sa 1 000 punt bażi. Meta jitqies in-nuqqas tal-kollateral u l-grad baxx tal-parteċipazzjoni siekta, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-primjum ta' 1 000 punt bażi huwa ġustifikat.

(143) Il-komponent tal-għajnuna fil-parteċipazzjoni siekta huwa għalhekk id-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'żieda ta' 1 000 punt bażi u r-remunerazzjoni mħallsa fuq il-parteċipazzjoni.

(144) Barra dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li għall-kalkolu tal-komponent tal-għajnuna r-remunerazzjoni varjabbli ta' 3,5 % tista' titqies biss parzjalment, peress li kienet dipendenti fuq il-profitti. Is-sitwazzjoni tal-kumpanija kienet dgħajfa, u l-prospetti ta' profitt ma kinux ċari. Il-Kummissjoni tikkunsidra li għandu jitqies biss nofs ir-remunerazzjoni varjabbli, jew 1,75 %. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-komponent tal-għajnuna, għalhekk, ir-remunerazzjoni li għandha titqies għandha tkun ir-remunerazzjoni fissa ta' 8,75 % b'żieda ta' nofs ir-remunerazzjoni varjabbli ta' 3,5 %, għal remunerazzjoni totali ta' 10,5 %. Il-komponent tal-għajnuna huwa konsegwentement id-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'żieda ta' 1 000 punt bażi u r-remunerazzjoni ta' 10,5 %.

*Il-komponenti tal-għajnuna fil-miżuri 2 u 3*

(145) Il-garanziji taħt miżuri 2 u 3 ippermettew li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH jiksbu termini finanzjarji għas-self li kienu aħjar minn dawk normalment disponibbli fis-swieq finanzjarji. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-komponent tal-għajnuna fil-garanziji taħt il-miżuri 2 u 3 huwa d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kien ikollhom iħallsu għal self fuq it-termini tas-suq, jiġifieri mingħajr il-garanzija, u r-rata tal-imgħax li biha ġie attwalment ipprovdut is-self garantit. Din id-differenza tista' titqies li tikkorrispondi mal-primjum li l-garanti fl-ekonomija tas-suq kien kieku jitlob għal dawn il-garanziji. Billi Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu f'diffikultà fiż-żmien li ngħataw il-garanziji u fiż-żmien li ngħata s-self, il-komponent tal-għajnuna jista' jammonta wkoll għall-garanzija sħiħa, għaliex jista' jkun li mingħajr il-garanzija l-ebda sellief ma kien se jagħti s-self ([25]).

(146) Barra dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-self u l-garanzija lil Sachsen Zweirad GmbH kienu jinvolvu riskju addizzjonali, għaliex il-kollateral ipprovdut kien partikolarment baxx. Il-garanzija fuq is-self lil Sachsen Zweirad GmbH kienet assigurata biss b'garanzija eżekwibbli direttament (*selbstschuldnerische Bürgschaft*) mogħtija mill-kumpaniji fil-grupp. Il-valur ekonomiku ta' dawn

([23]) Ara l-Każi Konġunti C-341/06 P u C-342/06 P *Chronopost SA u La Poste* v *Union française de l'express (UFEX) u Oħrajn* [2008] ECR I-4777, il-paragrafu 95.

([24]) Għal raġunament simili ara n-Notifika tal-Garanziji.

([25]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 24.

il-garanziji huwa baxx ħafna. Il-Kummissjoni konsegwentement ikkunsidrat li l-garanzija għandha tiġi kkunsidrata bħala tranżazzjoni b'sigurtà "baxxa" skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008.

(147) Is-sigurtà pprovduta għas-self u l-garanzija lil Biria GmbH kienet ta' valur ekonomiku ogħla minn dak għall-garanzija lil Sachsen Zweirad GmbH. Madankollu, is-sigurtà xorta kienet aktar baxxa milli huwa normalment meħtieġ. Il-garanzija lil Biria GmbH kellha sigurtà ta' ipoteka tal-ogħla grad fuq propjetà ta' Bike Systems li tiswa EUR 15 miljun. Iżda din l-ipoteka kienet subordinata għal self ieħor ta' EUR 2 miljun. L-ipoteka tal-ogħla grad kienet konsegwentement ugwali għal kemmkemm aktar minn 50 % tas-somma totali tas-self. Madankollu, m'hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'għandu jkun valur xieraq għal-likwidazzjoni tal-ipoteka. Kien hemm aktar kollateral, fil-forma ta' ipoteki, l-abbandun tat-talbiet, it-trasferiment tas-sjieda ta' materjali fil-pussess tal-kumpaniji tal-grupp, u garanzija eżekwibbli direttament mogħtija mis-sid ta' Biria GmbH: dan il-kollateral kien ta' valur ekonomiku baxx. Il-Kummissjoni tikkunsidra li, minkejja l-kollateral offrut, il-garanzija għandha tiġi kkunsidrata bħala tranżazzjoni b'sigurtà "baxxa" skont it-tifsira tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008.

(148) Kif spjegat hawn fuq, fiż-żmien li ngħataw il-garanziji, Biria GmbH u Sachsen Zweirad GmbH kienu f'diffikultà, u għalhekk kellhom jiġu klassifikati fil-kategorija tal-kreditu "ħażin". Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza tal-2008 tistipula li għall-kumpaniji f'din il-kategorija b'kollateral baxx, il-primjum li jelimina l-preżenza tal-għajnuna mill-istat jista' jkun għoli sa 1 000 punt bażi. Meta tqis il-kollateral baxx, il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-każ ta' Sachsen Zweirad GmbH il-primjum ta' 800 punt bażi huwa ġustifikat. Biria GmbH ipprovdiet kollateral daqsxejn aħjar. Hawnhekk il-primjum ta' 700 punt bażi huwa xieraq. Il-primjum fiż-żewġ każijiet huwa aktar baxx minn dak għall-parteċipazzjoni siekta b'riżultat tal-grad baxx tal-parteċipazzjoni.

(149) Il-komponent tal-għajnuna fil-garanzija għal Sachsen Zweirad GmbH (il-miżura 2) huwa d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'żieda ta' 800 punt bażi u l-ispiża totali tal-iffinanzjar tas-self garantit (ir-rata tal-imgħax li biha ngħata s-self garantit biż-żieda ta' kull primjum imħallas għall-garanzija).

(150) Bl-istess mod, il-komponent tal-għajnuna fil-garanzija għal Biria GmbH (il-miżura 3) huwa d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'żieda ta' 700 punt bażi u l-ispiża totali tal-iffinanzjar tas-self garantit (ir-rata tal-imgħax li biha ngħata s-self garantit biż-żieda ta' kull primjum imħallas għall-garanzija).

### 6.6. **Eżenzjonijiet fl-Artikolu 107(2) u (3) TFUE**

(151) Il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 107 TFUE jipprovdu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni ġenerali tal-għajnuna mill-istat imposta skont il-paragrafu 1.

(152) L-eżenzjonijiet fl-Artikolu 107(2) TFUE ma japplikawx fil-każ attwali: l-għajnuna mhix għajnuna ta' natura soċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali, lanqas mhi għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali, lanqas mhi għajnuna mogħtija lill-ekonomija ta' ċertu żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja effettwati mid-diviżjoni tal-Ġermanja.

(153) L-eżenzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 107(3)(b) u (d) ma japplikawx lanqas. Dawn jirreferu għall-għajnuna li tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni, u għajnuna li tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju.

(154) Jibqa' għalhekk l-eżenzjonijiet ipprovduti fl-Artikoli 107(3)(a) u 107(3)(c) TFUE u l-linji gwida tal-Komunità bbażati fuq dawk id-dispożizzjonijiet.

*Miżura 1*

(155) Il-Kummissjoni tinnota, l-ewwelnett, li Bike Systems kienet lokalizzata f'żona li kienet tikkwalifika għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. Meta l-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni formali hija esprimiet dubji dwar dan il-punt, iżda minkejja dan il-Ġermanja ma pproduċiet l-ebda informazzjoni biex turi li l-miżura tissodisfa r-rekwiżiti għall-għoti tal-għajnuna reġjonali stipulati fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali ([26]).

(156) Hemm eċċezzjonijiet oħra f'linji gwida oħra tal-Komunità. Billi l-għajnuna ngħatat f'Marzu 2001, japplikaw il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda informazzjoni li tista' turi li l-għajnuna tista' tiġi kkunsidrata kompatibbli mat-TFUE fuq il-bażi ta' dawk il-Linji Gwida. Skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999, l-għajnuna għar-ristrutturar tista' tingħata biss jekk ikun hemm pjan ta' ristrutturar sod, kull tfixkil tal-kompetizzjoni mhux xieraq jiġi evitat, u l-għajnuna hija limitata għall-minimu. Meta l-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni formali hija esprimiet dubji dwar dan il-punt, iżda minkejja dan il-Ġermanja ma pproduċiet l-ebda informazzjoni biex turi li r-rekwiżiti huma sodisfatti. Il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999 mhumiex sodisfatti.

(157) Il-miżura li qed tiġi kkunsidrata ma taqax fl-ambitu tal-linji gwida jew ir-regolamenti l-oħra li japplikaw għall-għajnuna f'oqsma bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-ambjent, l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, ix-xogħol u t-taħriġ, jew il-kapital ta' riskju. Billi l-miżura m'għandha l-ebda għan ta' interess komuni, hija tikkostitwixxi għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mat-TFUE.

([26]) ĠU C 74, 10.3.1998, p. 9.

*Miżuri 2 u 3*

(158) Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu jinsabu f'żona assistita skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. Madankollu, l-eżenzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 107(3)(a) u l-fergħa reġjonali tal-Artikolu 107(3)(c) mhumiex applikabbli, peress li Sachsen Zweirad GmbH u Biria GmbH kienu f'diffikultà, u l-għan tal-miżuri tal-għajnuna ma kienx l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjun partikolari.

(159) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-intrapriżi f'diffikultà huma l-uniku regoli li jistgħu japplikaw hawnhekk. Billi l-għajnuna ngħatat f'Marzu 2003, il-linji gwida rilevanti huma l-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999.

(160) L-għoti tal-għajnuna jsir b'mod kundizzjonali mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, li d-dewmien tiegħu għandu jkun kemm jista' jkun qasir, u li għandu jġedded il-vijabbiltà fit-tul tal-intrapriża fl-ambitu ta' skadenza raġjonevoli u fuq il-bażi ta' previżjonijiet realistiċi firrigward tal-kundizzjonijiet operattivi għall-ġejjieni. Meta l-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni formali hija esprimiet dubji dwar dan il-punt, iżda minkejja dan il-Ġermanja ma pproduċiet l-ebda informazzjoni biex turi li l-garanziji ngħataw fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturar sod li għandu jġedded il-profitabbiltà għall-grupp.

(161) Barra dan, għandhom jittieħdu miżuri biex jimmitigaw, kemm jista' jkun, kull effett negattiv tal-għajnuna fuq il-kompetituri. Dan normalment ifisser li l-preżenza tal-intrapriża fis-suq jew fis-swieq tagħha tiġi limitata wara t-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar. Il-Kummissjoni m'għandha l-ebda informazzjoni rigward is-suq rilevanti u s-sehem li għandu l-grupp Biria minnu. Lanqas m'għandha xi informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha rigward xi miżuri ta' kumpens li jistgħu jillimitaw il-preżenza tal-intrapriża fis-suq. Pjuttost, jidher li l-grupp Biria espanda fl-2001 meta ħa l-pussess ta' Checker Pig u Bike Systems.

(162) Skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999, l-ammont tal-għajnuna għandu jiġi llimitat għall-ammont strettament minimu meħtieġ li jippermetti t-twettiq tar-ristrutturar fid-dawl tar-riżorsi finanzjarji eżistenti tal-kumpanija u l-azzjonisti tagħha. Barra dan, ir-riċevituri tal-għajnuna għandhom jagħmlu kontribuzzjoni sostanzjali għall-ispejjeż tar-ristrutturar, mir-riżorsi tagħhom stess jew permezz tal-iffinanzjar estern bil-kundizzjonijiet tas-suq. Billi l-għajnuna ma ngħatatx fuq il-bażi ta' pjan ta' ristrutturar, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda informazzjoni rigward kontribuzzjoni min-naħa tar-riċevitur jew il-limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu.

(163) Skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999, l-għajnuna għar-ristrutturar għandha tingħata darba biss. Jekk l-intrapriża kkonċernata diġà rċeviet l-għajnuna għar-ristrutturar fil-passat, u għaddew anqas minn 10 snin minn meta ntemm il-perjodu tar-ristrutturar, il-Kummissjoni normalment tippermetti aktar għajnuna għar-ristrutturar biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevisti.

(164) Sachsen Zweirad GmbH irċeviet l-għajnuna għar-ristrutturar fuq il-bażi ta' skema tal-għajnuna approvata, fil-forma ta' parteċipazzjoni pubblika li tammonta għal total ta' EUR 1 278 200, f'April 1996 u f'Marzu 1998. Billi kienu għaddew anqas minn 10 snin minn meta ntemm il-perjodu tar-ristrutturar ta' Sachsen Zweirad GmbH, u l-Kummissjoni mhix konxja minn xi ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevisti, iż-żewġ garanziji ma ssodisfawx il-kundizzjoni ta' "darba biss, l-aħħar darba".

(165) Il-Kummissjoni tikkonkludi li r-rekwiżiti tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-1999 mhumiex sodisfatti.

(166) Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li l-miżuri 2 u 3 ma jaqgħux fl-ambitu tal-linji gwida jew ir-regolamenti l-oħra tal-Komunità li japplikaw għall-għajnuna f'qsma bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-ambjent, l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, l-impjieg u t-taħriġ, jew il-kapital ta' riskju. Billi l-miżura m'ħandha l-ebda għan ta' interess komuni, hija tikkostitwixxi għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mat-TFUE.

## VII. **KONKLUŻJONI**

(167) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-parteċipazzjoni ta' gbb f'ike Systems, li tammonta għal EUR 1 070 732, il-garanzija ta' 80 % mogħtija fuq self ta' EUR 5,6 miljun lil Sachsen Zweirad GmbH, u l-garanzija ta' 80 % mogħtija fuq self ta' EUR 24 875 000 lil Biria GmbH (aktar tard Biria AG) jikkostitwixxu għajnuna mill-istat, u ma jissodisfawx it-testijiet tal-kompatibbiltà mas-suq intern.

(168) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, il-Kummissjoni għandha obbligu fundamentali li tordna l-irkuprar ta' din l-għajnuna inkompatibbli mingħand il-benefiċjarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-istat mogħtija mill-Ġermanja lil Bike Systems GmbH & Co. Thüringer Zweiradwerk KG (issa MB System), Sachsen Zweirad GmbH, u Biria GmbH (aktar tard Biria AG, issa MB Immobilien) hija inkompatibbli mas-suq intern. L-għajnuna tikkonsisti f'awn il-miżuri:

(a) miżura 1: il-parteċipazzjoni siekta *(stille Einlage)* li tammonta għal EUR 2 070 732 mogħtija lil Bike Systems GmbH & Co. Thüringer Zweiradwerk KG (issa MB System); il-komponent tal-għajnuna huwa d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'ieda ta' 1 000 punt bażi u r-remunerazzjoni li għandha titħallas fuq il-parteċipazzjoni (ir-remunerazzjoni fissa b'zieda ta' 50 % tar-remunerazzjoni varjabbli);

(b) miżura 2: il-garanzija ta' EUR 4 480 000 mogħtija għal Sachsen Zweirad GmbH (aktar tard Biria AG, issa MB Immobilien); il-komponent tal-għajnuna huwa d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'zieda ta' 800 punt bażi u l-ispiża totali tal-iffinanzjar tas-self garantit (ir-rata tal-imgħax li biha ngħata s-self garantit biż-żieda ta' kull primjum imħallas għall-garanzija);

(c) miżura 3: il-garanzija ta' EUR 19 900 000 mogħtija lil Biria GmbH (aktar tard Biria AG, issa MB Immobilien); il-komponent tal-għajnuna huwa d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax ta' referenza b'zieda ta' 700 punt bażi u l-ispiża totali tal-iffinanzjar tas-self garantit (ir-rata tal-imgħax li biha ngħata s-self garantit biż-żieda ta' kull primjum imħallas għall-garanzija);

*Artikolu 2*

1. Il-Ġermanja għandha tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 mingħand ir-riċevitur.

2. L-irkuprar għandu jsir mingħajr dewmien u skont il-proċeduri tal-liġi nazzjonali, kemm-il darba dawn jippermettu l-infurzar immedjat u effettiv ta' din id-Deċiżjoni.

3. Is-somom li għandhom ikunu rkuprati għandu jkollhom imgħax mid-data li fiha l-għajnuna kienet imqiegħda għad-dispożizzjoni tar-riċevitur sal-irkupru attwali tagħhom.

4. L-imgħax għandu jkun ikkalkulat fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([27]).

5. B'effett mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Ġermanja għandha tikkanċella l-pagamenti kollha li jifdal tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

2. Il-Ġermanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien erba' xhur mid-data ta' notifika tad-Deċiżjoni

*Artikolu 4*

1. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Ġermanja għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (il-kapital u l-imgħax) li għandu jkun irkuprat mir-riċevitur;

(b) id-deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda jew ippjanati biex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni;

(c) evidenza dokumentarja li r-riċevitur kien ordnat li jħallas lura l-għajnuna.

2. Il-Ġermanja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sakemm ikun komplut l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1. Meta l-Kummissjoni titlob dan, il-Ġermanja għandha immedjatament tissottometti informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda jew ippjanati biex tkun konformi ma' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata rigward l-ammonti ta' għajnuna u ta' imgħax irkuprati diġà mir-riċevitur.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Viċi-President*

---

([27]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Lulju 2011

## dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tad-data dwar id-DNA fil-Portugall

(2011/472/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 25 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 u l-Kapitolu 4 tal-Anness tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Protokoll dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-effetti ġuridiċi tal-atti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona huma ppreservati sakemm dawk l-atti jiġu revokati, annullati jew emendati fl-implimentazzjoni tat-Trattati.

(2) Konformement ma' dan, l-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI huwa applikabbli u jeħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi unanimament jekk l-Istati Membri implimentawx id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI jipprevedi li d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI għandhom jittieħdu abbazi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi bbażat fuq żjara ta' evalwazzjoni u eżerċizzju pilota.

(4) Il-Portugall informa lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar il-fajls nazzjonali tal-analiżi tad-DNA li għalihom japplikaw l-Artikolu 2 sa 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u l-kondizzjonijiet għall-konsultazzjoni awtomatizzata kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dik id-Deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 36(2) ta' dik id-Deċiżjoni.

(5) F'konformità mal-Kapitolu 4, punt 1.1, tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati ta' data u għandu jintwieġeb minn Stat Membru hekk kif huwa jemmen li huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fil-kategorija rilevanti ta' data.

(6) Il-Portugall wieġeb il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar l-iskambju tad-data dwar id-DNA.

(7) Il-Portugall wettaq b'suċċess eżerċizzju pilota mal-Ġermanja.

(8) Saret żjara ta' evalwazzjoni fil-Portugall u ġie prodott rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mill-iskwadra ta' evalwazzjoni Ġermaniża li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.

(9) Ġie ppreżentat lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jagħti sintesi tar-riżultati tal-kwestjonarju, taż-żjara ta' evalwazzjoni u tal-eżerċizzju pilota fir-rigward tal-iskambju tad-data dwar id-DNA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-finijiet tat-tiftix u l-paragunar awtomatizzati tad-data dwar id-DNA, il-Portugall implimenta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u huwa intitolat jirċievi u jipprovdi data personali skont l-Artikoli 3 u 4 ta' dik id-Deċiżjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. SAWICKI

---

([1]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

([2]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/473/PESK

## tal-25 ta' Lulju 2011

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Mejju 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK ([1]) dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN).

(2) Fit-18 ta' Mejju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/279/PESK ([2]) li estendiet l-EUPOL AFGHANISTAN sal-31 ta' Mejju 2013. Skont id-Deċiżjoni 2011/298/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK ([3]), l-ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 54 600 000 ikopri l-perijodu sal-31 ta' Lulju 2011.

(3) L-Artikolu 13(2) tad-Deċiżjoni 2010/279/PESK tipprevedi li l-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodi sussegwenti għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.

(4) Id-Deċiżjoni 2010/279/PESK għandha għalhekk tiġi emendata biex tinkludi ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2011 sal-31 ta' Lulju 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-subparagrafu li ġej huwa b'dan miżjud mal-Artikolu 13(1) tad-Deċiżjoni 2010/279/PESK:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUPOL AFGHANISTAN għall-perijodu mill-1 ta' Awwissu 2011 sal-31 ta' Lulju 2012 għandu jkun ta' EUR 60 500 000.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

([1]) ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2010, p. 4.
([3]) ĠU L 136, 24.5.2011, p. 64.

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/71/UE tas-26 ta' Lulju 2011 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex il-kreożot jiġi inkluż bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha** ([1]) ..... 46

DEĊIŻJONIJIET

2011/468/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/025 DK/Odense Steel Shipyard mid-Danimarka)** ..... 52

2011/469/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/022 DK/LM Glasfiber mid-Danimarka)** ..... 53

2011/470/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/031 BE/General Motors Belgium mill-Belġju)** ..... 54

2011/471/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja lill-grupp Biria (C 38/05 (ex NN 52/04))** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8289)* ([1]) 55

2011/472/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2011 dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward tad-data dwar id-DNA fil-Portugall** ..... 71

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/473/PESK tal-25 ta' Lulju 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN)** ..... 72

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i<br>tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT